Vol 30
Nru 163
Jannar - Marzu 2009

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija



EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM
P. Ġwann Azzopardi OFM



ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031



STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2009



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


# Werrej



5

17



25

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm

32




| | |
|---|---|
| 5 | Pawlu ta' Tarsu (4) |
| 17 | Ir-Rewwixta kontra l-Franġiskani |
| 25 | Il-Misteru ta' Kristu |
| 32 | Il-Presenza ta' Alla fl-AT |
| 37 | Il-Qawmien ta' Ġesù f'S. Pawl |
| 42 | Il-Konverżjoni ta' S. Pawl - Mdina |
| 46 | Il-Misterju tat-Trinita (2) |




37



## MIN HU R-REBBIEĦ FIL-GWERRA?

Meta nħarsu lejn l-immaġni fuq it-televixin u naraw il-qerda li seħħet f'Gaza f'dawn l-aħħar ġimgħat, kif ukoll id-danni limitati imma wkoll perikolużi li ġarrbu l-Israeljani li d-djar tagħhom ġew milqutin mill-missili li ġew sparati minn Gaza, wieħed jistaqsi: min se jkun ir-rebbieħ jew it-tellief ta' dan il-konflitt?

Meta Israel kien okkupa x-Xatt tal-Punent, l-Istrixxa ta' Gaza, l-Għoljiet tal-Golan u s-Sinaj, fil-Gwerra ta' l-1967, kien ċar li Israel kellu qawwa militari superjuri għal dik ta' 5 pajjiżi Għarab li attakkawh kollha flimkien. Imma dawn kienu żminijiet oħrajn. Minn dak iż-żmien Israel telaq xi wħud minn dawn l-artijiet okkupati, ħalla s-Sinaj, il-Libanu tan-nofsinhar, l-Istrixxa ta' Gaza, u ta l-awtonomija lil Gaza u lill-bliet tax-Xatt tal-Punent, Jenin, Nablus, Tulkarem, Qalqilya, Ramallah, Betleħem, Ġeriko u Ħebron. Imma dan kollu wassal biss biex tkabbar is-sens ta' mibegħda u vjolenza bejn Israel u l-Palestinjani, li qed igawdu awtonomija ta' ċittadini magħluqin minn ħajt ta' sigurtà li jdawwarhom dawramejt u jagħlaqhom f'ħabs kbir bis-sema miftuħ fuqu. Mill-banda l-oħra l-elementi estremisti kibru wkoll f'Israel, li fih elementi li jridu jaħkmu bil-forza l-pajjiż kollu u joħonqu lill-Palestinjani, u li huma ffrustrati mill-attakki li kontinwament jiġu fuq bliet viċin il-fruntiera mal-Libanu u ma' Gaza.

Ħaġa waħda hi ċara. Li kiber il-fundamentaliżmu, l-integraliżmu, il-fanatiżmu, fuq iż-żewġ naħat. U llum Israel



*...editorjal*

## *Min hu r-rebbieħ fil-gwerra?*

u l-Palestina jkollhom jammettu li f'din il-gwerra ma hemm l-ebda rebbieħ imma hemm biss tellief. Hemm il-Palestinjani tellief a li, ħtija ta' l-użu ta' armi u terroriżmu, flok ta' mezzi ta' diplomazija, wasslu lill-mijiet ta' ċittadini innoċenti li jsofru vjolenza li Israel jgħid li indirizzaha biss fuq il-militari u t-terroristi. Hemm l-Israeljani li, għalkemm laħqu 7 miljuni u bnew pajjiż fuq stil oċċidentali b'ingranaġġ demokratiku u ċivili, ma jistgħux igawdu l-paċi f'din l-art li tant batew biex jerġgħu jidħlu fiha. U forsi hemm għalihom il-periklu li din il-paċi ma jarawha qatt isseħħ.

Għaliex dan kollu? Għax tonqos ir-rieda tajba li sseħħ il-paċi, min-naħat kollha. U mill-komunità internazzjonali li donnha spettatur passiv li mhu kapaċi jwettaq xejn ħlief isiefer biċ-ċfuf u l-ġlekkijiet biex jagħmel trattattivi diplomatiċi ta' paċi li ma jfissru xejn. Jiena nistaqsi dejjem: hu veru li dawn il-popli jridu l-paċi? Personalment għandi dubji kbar. Ma narax sinjali pożittivi li din il-paċi fil-fatt iriduha. Quddiem dan kollu nħoss qalbi tingħafas għal dawk kollha li qed isofru inġustament: in-nisa u t-tfal Palestinjani, imwerwrin u maqtulin, is-suldati Israeljani mibgħutin għall-gwerra fil-fjur ta' żgħożithom meta jistgħu jiddedikaw l-enerġiji tagħhom għal ideali nobbli, il-minoranza Kristjana mgħaffġa bejn żewġ maġġoranzi ta' Lhud u Musulmani li ma jaħmlux id-dell wieħed ta' l-ieħor. U aħna l-Franġiskani u l-insara niżfnu fin-nofs. U nitolbu li xi darba naraw madwarna rebbiegħa sabiħa ta' paċi.

Sadanittant aħna nibqgħu hawn, għall-grazzja ta' Alla bogħod mill-periklu veru. Nibqgħu hawn biex nilqgħu l-pellegrini u ninsistu magħhom li ma hemmx periklu għalihom, almenu mhux sakemm ngħidulhom aħna biex ma jiġux. Imma nibqgħu hawn biex infakkru li l-Prinċep tal-Paċi ried jitwieled f'din l-art imdemma, biex juri kemm hu msejken il-bniedem, hu minn liema poplu hu, meta jitlef ir-raġuni.




# PAWLU TA' TARSU (4)

*Alfio M. Buscemi OFM*

## It-Tieni Vjaġġ Missjunarju

Wara li saħħaħ il-fidi fil-Knisja ta' Antjokja, Pawlu reġa' iddeċieda li jmur iżur il-komunitajiet Kristjani li hu kien waqqaf fl-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu. Pawlu qatt ma baqa' indifferenti lejn dawk il-komunitajiet li hu "bl-Evanġelju nissilhom fi Kristu Ġesù" (1Kor 4,15; 1Tess 2,7-8; 2Kor 6,13). Pawlu kien iħoss ta' kuljum "l-ħsieb tal-knejjes kollha" (2Kor

11,28). "Uliedi, għal darba oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom" (Gal 4,19). Imqanqal minn din il-ħeġġa, Pawlu dar lejn Barnaba u qallu: "Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fl-ibliet kollha li fihom xandarna l-kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin" (Atti 15,36).

Barnaba qabel ma' Pawlu u kien se jitlaq miegħu, imma nqalgħet problema. "Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku. Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Panfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol.




Kellhom xi jgħidu sewwa, tant li nfirdu minn xulxin. Barnaba ħa miegħu lil Marku u telaq bil-baħar lejn Ċipru. Pawlu għażel għal miegħu lil Sila (Silvanu) u telaq" (Atti 15,36-40).
Ma nafux għaliex iż-żewġ appostli kollaboraturi waslu għal nuqqas ta' ftehim hekk serju, li nfirdu minn xulxin. Barnaba mar ma' kuġinuh Ġwanni Marku lejn Ċipru. Hi l-aħħar aħbar li għandna dwar dan l-Appostlu kbir. Barnaba jgħib mix-xena, ħlief għat-tradizzjoni lokali tal-Knisja Ċiprijota, fejn skont l-Atti ta' Barnaba (5 seklu), wara li ppriedka f'Ċipru, Barnaba ġie mmartirizzat minħabba l-qerq tas-saħħar Barjesu (Elimas) imsikket minn Pawlu fl-ewwel vjaġġ missjunarju. Il-qabar ta' l-Appostlu San Barnaba għadu meqjum sallum f'santwarju fil-gżira ta' Ċipru, ftit barra mill-belt ta' Famagusta.
Pawlu u Sila telqu mis-Sirja lejn iċ-Ċiliċja, u minn hemm komplew jaqsmu l-muntanji biex waslu fil-komunitajiet ta' Likaonja (Derbe, Listra u Ikonju) u tal-Pisidja (Antjokja ta' Pisidja).

## Pawlu fil-Knejjes tas-Sirja-Ċiliċja u fil-Galazja

L-ewwel parti tal-vjaġġ ta' Pawlu u Sila saret malajr. Huma żaru fi żmien qasir il-Knejjes tas-Sirja u ċ-Ċiliċja li Pawlu kien

waqqaf fl-ewwel vjaġġ missjunarju. L-unika ġrajja interessanti hi dik ta' Listra, fejn Pawlu jiltaqa' maż-żagħżugħ Timotju, li kellu jsir kollaboratur kbir tiegħu. "Pawlu wasal sa Derbi u Listra. Hemmhekk kien hemm dixxiplu jismu Timotju, bin mara Lhudija li kienet temmen, imma li missieru kien Grieg. Hu kellu fama tajba ma' l-aħwa ta' Listra u Ikonju. Pawlu ried jieħdu miegħu. Għalhekk qabad u għamillu ċ-ċirkonċiżjoni minħabba l-Lhud ta' dawk l-inħawi, għax kollha kienu jafu li missieru kien Grieg" (Atti 16,1-3). Ma nafux jekk Timotju kienx diġà rċieva l-magħmudija waqt l-ewwel vjaġġ ta' Pawlu f'Listra, inkella jekk ġiex mgħammed f'din l-okkażjoni. Pawlu deherlu li jagħtih iċ-ċirkonċiżjoni biex hekk ma jsibx oppożizzjoni mil-Lhud meta jisimgħuh jippriedka dwar Kristu. Pawlu u sħabu daru l-ibliet "biex jgħarrfuhom bid-digriet ta' l-appostli u l-presbiteri ta' Ġerusalemm u jħeġġuhom biex iħarsuhom" (Atti 16,4). Pawlu mbagħad kompla l-vjaġġ tiegħu billi mar fil-Friġja u l-Galazja, "għax l-Ispirtu s-Santu ma ħallihomx ixandru l-kelma ta' Alla fl-Asja" (Atti 16,6). L-Asja prokonsolari kellha bliet importanti, imma Pawlu iddirieġa l-passi tiegħu lejn it-tramuntana. Hu stess jitkellem dwar il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni fost il-Galatin, meta jikteb: "Intom tafu li meta xandartilkom l-Evanġelju għall-ewwel darba, kien minħabba li kont marid. Għalkemm din il-marda f'ġismi kienet ta' prova għalikom, intom ma stmerrejtunix u anqas skartajtuni, iżda lqajtuni bħala anġlu ta' Alla, bħal Kristu Ġesù" (Gal 4,13-14). Il-Galatin kienu ġejjin minn popli antiki fil-Gallia (Franza), li qasmu l-Ewropa ċentrali u marru fl-Illirja, il-Maċedonja u l-Greċja. Fit-3 seklu q.K. daħlu fl-Asja Minuri, u okkupaw xi partijiet mit-territorji tal-Friġja, Kappadoċja u Pontu. Ir-Rumani okkupaw l-artijiet tal-Galatin fis-sena 189 q.K., u waqqfu l-provinċja imperjali tal-Galazja. It-territorju proprju tal-Galatin kien imiss mal-konfini tal-Bitinja (tramuntana), mal-Friġja (punent), mal-Likaonja u l-Pisidja (nofsinhar), u tal-Kappadoċja u l-Pontu (lvant).

Ma nafux eżattament x'kienet il-marda li kellu Pawlu meta evanġelizza lill-Galatin. Il-fatt li dawn l-inħawi kienu ġew evanġelizzati fit-tieni vjaġġ ta' Pawlu hu konfermat minn Luqa, li jgħidilna li, fit-tielet vjaġġ tiegħu, Pawlu "qagħad idur minn post għal ieħor fl-art tal-Galazja u l-Friġja, iwettaq id-dixxipli kollha" (Atti 18,23). Mill-Galazja Pawlu ried imur lejn it-tramuntana fil-Bitinja, imma mill-ġdid l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħalliehx, u għalhekk il-missjunarji daru lejn il-punent, fir-reġjun tal-Misja u niżlu fil-port ta' Troas (Troade) fuq il-Baħar Eġew.

## Il-missjoni ta' Pawlu fil-Maċedonja

Pawlu kien qasam il-penisola Anatolika u wasal faċċata ta' l-Ewropa. Luqa jgħidilna li Alla wera lill-Appostlu li kellu jaqsam il-baħar u jevanġelizza l-Greċja, għax "bil-lejl Pawlu kellu viżjoni; ra raġel mill-Maċedonja, wieqaf, jitolbu hekk: 'Ejja l-Maċedonja u għinna'" (Atti 16,9). Hawnhekk jidħol element importanti fir-rakkont ta' l-Atti. Luqa jitkellem għall-ewwel darba fl-ewwel persuna plural: "Malli ra din il-viżjoni, malajr fittixna nitilqu lejn il-Maċedonja" (Atti 16,10). Ħafna jaraw f'dan l-istil l-okkażjoni li fiha Pawlu ltaqa' ma' Luqa, li kellu jkun sieħeb tiegħu matul bosta vjaġġi, hekk li l-Atti ta' spiss jitkellmu minn "aħna". X'aktarx li Luqa kien jaf tajjeb il-Maċedonja u l-Greċja, u ngħaqad ma' Pawlu, Timotju u Sila fil-missjoni tagħhom.

## Pawlu f'Filippi

Il-vjaġġ bil-baħar minn Troas sa Neapoli, b'waqfa fil-gżira ta' Samotraċja, kien

ta' 230 km, imma t-temp iffavorihom, għax f'jumejn kienu qasmu l-Baħar Eġew. Neapoli (illum jisimha Kavalla) kienet il-port tal-belt ta' Filippi, li kienet 17-il kilometru 'l ġewwa fuq il-"Via Egnatia". Luqa jsejjaħ lil Filippi "l-belt ewlenija tal-provinċja tal-Maċedonja u kolonja Rumana" (Atti 16,12). Kienet twaqqfet minn Filippu II, missier Alessandru l-Kbir, qrib is-sena 356 q.K., taħt il-muntanja Pangeo. Wara l-battalja ta' Filippi (42 q.K.) il-belt ingħatat id-dinjità ta' kolonja rumana. Fi żmien Pawlu kien jisimha Colonia Iulia Augusta Philippensis. Kienet belt ta' nies imħallta, u forsi kellha wkoll fiha xi Lhud.

F'Filippi Pawlu ma sabx sinagoga, imma biss "dar tat-talb", "barra l-bieb tal-belt, lejn xatt ix-xmara" (Atti 16,13). Forsi ma kienx hemm minyan, jiġifieri grupp ta' 10 irġiel Lhud minn 13 il-sena 'l fuq, li setgħu jiggarantixxu s-servizz sinagogali. Kien qrib ix-xmara Gangite li Pawlu mar isib grupp ċkejken ta' Lhud li nġabru għat-talb qrib l-ilma, minħabba l-purifikazzjonijiet ritwali. Hemmhekk Pawlu sab biss nisa. Fid-Djaspora mhux l-ewwel darba li n-nisa kienu jitħallew jitolbu fis-sinagogi u saħansitra jmexxu t-talb. Pawlu għaldaqstant ippriedka lil dawn in-nisa. Fosthom kien hemm waħda jisimha Lidja, minn Tjatira, li Luqa jiddiskreviha bħala "neguzjanta tal-porpra u kienet tqim lil Alla". Mela kienet taf bir-reliġjon Lhudija u kienet simpatizzanti lejha. Mhux biss laqgħet il-kelma ta' Pawlu, imma insistiet li żżomm għandha lill-evanġelizzaturi. Hekk Pawlu evanġelizzaha u "tgħammdet, hi u l-familja tagħha" (Atti 16,15). Pawlu laqa' bil-qalb il-kortesija ta' Lidja u jidher li ħasad frott kotran ta' ħidma apostolika f'Filippi, hekk li baqa' jħobb lil din il-komunità u jaċċetta minnha għajnuna materjali, ħaġa li Pawlu ma kienx soltu jagħmilha (Fil 1,3-11; 4,10-20).

Dwar il-ħidma ta' Pawlu f'Filippi Luqa ma jtawwalx, imma jasal mal-ewwel għat-tmiem taż-żjara ta' l-Appostlu, li żviluppat f'persekuzzjoni kontrih. "Darba waħda, aħna u sejrin lejn il-post tat-talb, iltaqgħet magħna tfajla lsira, li kellha l-ispirtu biex taqra x-xorti u kienet iġġib ħafna flus lis-sidien tagħha bit-teħbir li kienet tagħmel. Din baqgħet miexja wara Pawlu u warajna, tgħajjat u tgħid: 'Dawn l-irġiel huma qaddejja ta' Alla l-Għoli, li jxandrulkom it-triq tas-salvazzjoni'. U damet ħafna ġranet tagħmel hekk. Fl-aħħar Pawlu ddejjaq, dar lejn l-ispirtu u qallu: 'F'isem Ġesù Kristu, jien ngħidlek; oħroġ minnha!' U l-ispirtu ħareġ minnha minnufih" (Atti 16,16-18). Sidien it-tfajla raw li l-qligħ tagħhom spiċċa u qajmu



persekuzzjoni kontra Pawlu u Sila, u akkużawhom quddiem il-maġistrati li kienu qed ixewxu lill-poplu u jippriedkaw użanzi Lhud diversi minn dawk Griegi. Il-maġistrati, mingħajr ma għamlulhom proċess, u mingħajr lanqas ma staqsew jekk Pawlu kienx ċittadin Ruman, sawwtu lil Pawlu u Sila u qafluhom fil-ħabs. Ta' veri appostli li jemmnu fil-kliem ta' Ġesù biex jifirħu u jithennew fil-persekuzzjoni (Mt 5,11-12), Pawlu u Sila għaddew il-lejl fil-ħabs ikantaw innijiet lil Alla. "F'daqqa waħda sar terremot hekk kbir li s-sisien tal-ħabs theżżu" (Atti 16,26), fenomenu naturali f'żona sismika bħalma hi l-Greċja. Billi l-għassies ħaseb li l-ħabsin ħarbu, għax kien inħall l-irbit ta' kulħadd, kien se joqtol lilu nnifsu. "Imma Pawlu għajjat b'leħen għoli u qallu: 'Tagħmel ebda ħsara lilek innifsek, għax aħna lkoll hawn'. L-għassies talab id-dawl, daħal jiġri, u mriegħed bil-biża' nxteħet f'riġlejn Pawlu u Sila. Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: 'Sinjuri, x'għandi nagħmel biex insalva?' Huma weġbuh: 'Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek'. U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru. Dak il-ħin stess bil-lejl, l-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi, u bla telf ta' żmien tgħammed hu u niesu kollha" (Atti 16,28-34).



L-għada filgħodu l-maġistrati ordnaw li Pawlu u Sila jinħelsu. Forsi intebħu bl-iżball tagħhom li għalqu fil-ktajjen ċittadini Rumani, u riedu jibgħatuhom bil-moħbi mill-belt. Imma Pawlu wera l-kapaċità tiegħu li jiddefendi ruħu: "Sawwtuna quddiem kulħadd, lilna, ċittadini Rumani, bla ma raw jekk aħniex ħatja jew le, u tefgħuna l-ħabs; u issa jridu jibgħatuna 'l barra bil-moħbi? Hekk le! Ħa jiġu u joħorġuna huma!" (Atti 16,37) Hekk il-maġistrati kellhom jiġu jiskużaw ruħhom, għax kienu marru kontra l-Lex Clodia tas-sena 696 q.K., li kienet tikkundanna għall-eżilju lil min jaqfel fil-ħabs ċittadin Ruman mingħajr proċess, u kontra l-Lex Valeria tas-sena 509 q.K. li kienet tipprojbixxi li ċittadin Ruman jiġi msawwat mingħajr proċess, u kontra l-Lex Porcia tas-sena 248 q.K. li kienet tipprojbixxi l-flaġellazzjoni ta' ċittadin Ruman. Kien hekk li Pawlu u Sila, wara li rċevew l-iskużi tal-maġistrati, aċċettaw li jitilqu bil-kwiet minn Filippi, wara li sellmu lil Lidja.

## Pawlu f'Tessalonika

Pawlu u sħabu komplew tul il-"Via Egnatia" lejn il-lbiċ, u wara li qasmu Anfipoli u Apollonja, wara 150 km waslu Tessalonika (illum Saloniki), belt kbira tal-Greċja, u port importanti fuq il-Baħar Eġew. Kien bnieha Kassandru, ġeneral ta' Alessandru l-Kbir, fis-sena 315 q.K., u semmiha Tessalonika għal martu, meta mbagħad sar re tal-Maċedonja. Wara l-battalja ta' Pidna fis-sena 168 q.K., r-Rumani kienu qasmu l-Maċedonja f'4 distretti, u Tessalonika saret il-kapitali tat-tieni distrett. Antonio u Ottaviano għamlu lil Tessalonika belt ħielsa fis-sena 42 q.K., immexxija minn 6 maġistrati. Kellha popolazzjoni kosmopolita, u wkoll komunità Lhudija bis-sinagoga.
Pawlu segwa l-metodu normali ta' predikazzjoni tiegħu. Għal tliet Sibtijiet wara xulxin ippriedka dwar



*San Pawl quddiem Ananija*

Ir-riżultat kien li l-ġemgħa nqasmet: min emmen il-kliem ta' Pawlu u min għamillu persekuzzjoni.
Ma nafux kemm Pawlu u Sila damu Tessalonika, forsi xi tliet xhur. Kien żmien ta' ħidma intensa għalihom. F'1Tess 2,1-2 Pawlu jikteb: "Intom tafu, ħuti, li l-miġja tagħna fostkom ma kinitx għal xejn. Għalkemm aħna, bħalma tafu, batejna u żebilħuna f'Filippi, qabel ma ġejna għandkom, imma għamilna l-qalb f'Alla tagħna, u fost ħafna taħbit xandarnielkom l-Evanġelju ta' Alla". Ħafna Tessalonkin laqgħu bil-qalb il-messaġġ ta' Pawlu. "Għax l-Evanġelju tagħna lilkom ma kienx biss bil-kliem, imma wkoll bil-qawwa, bl-Ispirtu s-Santu u b'persważjoni sħiħa; intom tafu kif ġibna ruħna meta konna fostkom għall-ġid tagħkom. Intom sirtu tixbħu lilna u l-Mulej, billi lqajtu l-kelma fost ħafna taħbit bil-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu. Hekk intom sirtu mudell għal dawk kollha li emmnu fil-Maċedonja u l-Akaja" (1Tess 1,5-7). F'Tessalonika laqgħu l-fidi Ġason, li x'aktarx laqa' għandu lill-appostli (Atti 17,6); Aristarku, li sieħeb lil Pawlu fit-tielet vjaġġ missjunarju (Atti 19,29; 20,4) u wkoll fil-vjaġġ tiegħu lejn Ruma li fih ġie wkoll f'Malta (Atti 27,2), u kien ma' Pawlu fil-ħabs (Kol 4,10); Sekundu, wkoll sieħeb Pawlu fit-tielet vjaġġ (Atti 20,4).
Il-Lhud qamu bi vjolenza kontra Pawlu f'Tessalonika. Qajmu irvell sħiħ u daħlu għand Ġason ifittxu lill-missjunarji, imma dawn kien inħbew. Għalhekk kaxkru lil Ġason quddiem il-maġistrati, flimkien ma' xi aħwa oħrajn, u akkużawhom li kienu jeħduha kontra d-digrieti ta' Ċesari. Imma l-biċċa spiċċat malajr, għax Ġason għamel tajjeb għall-appostli – x'aktarx li ħallas kawzjoni – u hekk ħallewh imur lejn daru. "Minnufih bil-lejl l-aħwa qabbdu t-triq lil Pawlu u 'l Sila għal Berija" (Atti 17,10).

## Pawlu f'Berija

Berija (Veria) kienet tinsab 70 km lejn il-lbiċ ta' Tessalonika,

f'riġlejn il-muntanja Olimpo. Skont il-mitoloġija kienet inbniet min-ninfa Berea. Fil-gwerra tal-Peloponneso ħakmuha n-nies ta' Ateni. Ir-Rumani ħatfuha wara l-battalja ta' Pydna fis-sena 168 q.K. u għamluha belt tat-tielet distrett tal-Maċedonja. Kienet belt importanti u kellha kolonja Lhudija numeruża.
Skont Atti 17,11 il-Lhud ta' Berija "kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika". Hekk laqgħu bil-qalb il-kelma ta' Pawlu u bdew jistudjaw l-Iskrittura biex fiha jsibu l-profeziji dwar Ġesù. Pawlu ikkonverta kemm Griegi kif ukoll Lhud f'Berija. Imma hawn ukoll waslu l-Lhud minn Tessalonika, biex itellfu lil Pawlu fil-missjoni tiegħu. Billi l-aħwa beżgħu li jqum l-inkwiet bagħtu lil Pawlu bil-baħar lejn Ateni mill-port ta' Pidna, filwaqt li Sila u Timotju baqgħu Tessalonika b'ordni li jmorru jiltaqgħu ma' Pawlu f'Ateni. X'aktarx li, skont 1Tess 3,1-5 Timotju mar ma' Pawlu f'Ateni, imma reġa' lura fil-Maċedonja biex imbagħad ma' Sila mar jiltaqa' ma' Pawlu f'Korintu (Atti 18,5; 1Tess 3,6). Sadanittant Pawlu baqa' għal xi żmien waħdu f'Ateni.

## Il-Missjoni fl-Akaja: Pawlu f'Ateni

Il-belt ta' Ateni fl-ewwel seklu kienet tilfet l-imgħoddi glorjuż tagħha bħala ċentru politiku, kulturali u artistiku. Imma xorta kienet għadha belt ħielsa, li r-Rumani kienu jħarsu lejha b'rispett minħabba l-passat glorjuż tagħha. Id-dinja kienet għadha tħares lejn Ateni bħala "l-ħabba ta' l-għajn tal-Greċja" (Filun), "il-musbieħ tal-Greċja" (Ċiċerun), "l-omm ta' l-arti kollha".
Ateni kienet għadha ċ-ċentru l-aktar importanti ta' l-iskejjel filosofiċi ta' l-1 seklu: Stojċi, Epikurej, Ċiniċi, Neopitagoriċi, Medioplatoniċi.Ix-xena ta' Atti 17,16-34 hi l-quċċata mhux biss tal-missjoni ta' Pawlu, imma tal-ktieb kollu ta' l-Atti. Luqa jħares lejn Ateni bħala s-simbolu l-aktar elokwenti tad-dinja pagana li tidħol fi djalogu mal-Kristjaneżimu, u fl-istess ħin il-post fejn issir id-djalettika bejn "l-għerf ta' din id-dinja" u "l-għerf ta' Alla".





Pawlu ma impressjonax ruħu bil-glorja ta' Ateni. "Kemm dam Ateni jistennihom (lil Sila u Timotju), Pawlu kien jinkedd fih innifsu jara l-belt mimlija idoli" (Atti 17,16). Il-belt kienet tweġġa' s-sentimenti rigorużi u monotesitiċi tiegħu bħala Lhudi. Imma l-Appostlu ma qatax qalbu. Mar fis-sinagoga jiddiskuti mal-Lhudi u wkoll ħareġ fl-Agorà, il-pjazza li fiha jsiru dibattiti filosofiċi u d-deċiżjonijiet pubbliċi, jitħaddet ma' dawk li kien jiltaqa' magħhom. Is-sistema li wieħed jgħallem fl-Agorà ma kinetx ġdida: il-filosfu Sokrate kien għamel dan. Kien għalhekk li ċ-ċittadini ta' Ateni mtlew bil-kurżità ħalli jisimgħu "lil dan il-lablâb" (spermologos = żerriegħ tal-kliem). Riedu jkunu jafu min kienu l-allat stranġieri li kien jitkellem dwarhom, li kien isejħilhom Ġesù u Anástasis (qawmien mill-imwiet), u li għalihom kienu speċi ta' koppja divina. "Issa l-Atenin kollha u l-barranin li kienu joqogħdu hemm ma kienu jehdew b'xejn ħlief b'li jgħidu jew jisimgħu xi ħaġa ġdida" (Atti 17,21).

Kien għalhekk li ħadu 'l Pawlu fl-Arjopagu ta' Ateni. Dan kien post merfugħ fil-għoli bejn l-Agorà u l-Akrópoli ta' Ateni, li fih fl-imgħoddi kien hemm it-tribunal. Id-diskors ta' Pawlu (Atti 17,21-31), din id-darba diskors quddiem il-pagani, hu uniku fil-mod kif jippreżentah Luqa. Pawlu jitlaq minn captatio benevolentiae, billi jqim ir-reliġjożità taċ-ċittadini ta' Ateni u jinnota li sab altar "lil alla mhux magħruf" (Atti 17,23). "Għalhekk, dak li intom tqimuh bla ma tagħrfuh, nħabbarhulkom jien" (Atti 17,23). Pawlu juri li l-veru Alla hu dak li ħalaq is-sema

u l-art, li ma għandux bżonn tempji u offerti, għax hu l-għajn tal-ħajja. L-Appostlu saħansitra jikkwota proverbju mill-Fenomeni 5, ta' Arato ta' Soli, poeta miċ-Ċiliċja (3 seklu q.K.), "Aħna tassew nisel tiegħu". Mela dan il-veru Alla ma nistgħux nirrappreżentawh bi xbihat tad-deheb u l-fidda. Issa li hu magħruf jeħtieġ li l-bnedmin jemmnu fih, għax hu ġej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja. Bħala sinjal hu diġà bagħat bniedem bħala messaġġier tiegħu u ta prova ta' dan billi qajmu mill-imwiet.

Sa hawn wasal Pawlu. Quddiem l-ammiraturi tal-mewt stojka ta' Sokrate u t-teoriji ta' Platun, Pawlu sab avversarji akkaniti. "Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku; iżda oħrajn qalu: 'Nerġgħu nisimgħuk fuq dan darb' oħra'" (Atti 17,32). Hekk Pawlu ħareġ minn hemm.

Mill-episodju ta' Ateni Pawlu tgħallem verità li qatt aktar ma warrabha. "Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla" (1Kor 1,22-24).

Il-falliment ta' Pawlu ma kienx totali. Xi wħud li semgħuh emmnu, fosthom Dijonisju l-Arjopaġita u Damaris. Dan Dijonisju baqa' magħruf fil-leġġenda, għax ġew attribwiti lilu trattati mistiċi li nkitbu fis-seklu 5 (Psewdo-Dijonisju), u ġie wkoll identifikat ma' San Dijonisju, l-ewwel isqof ta' Pariġi u martri (3 seklu). Pawlu allura telaq lejn Korintu, u mix-xeħta qatt aktar ma rifes il-belt ta' Ateni.

## Pawlu jasal Korintu

Korintu hi belt kbira fuq biċċa għonq ta' art li tifred il-Baħar Joniku mill-Baħar Eġew. Kienet belt Dorika mibnija fl-I millennju q.K. bl-isem ta' Efira. Waslet għall-quċċata tal-glorja tagħha fis-sekli 6-5 q.K., u kienet tħabbatha ma' Ateni, Sparta u Tebe. Kienet belt li kellha żewġ portijiet – Kenkri fuq il-Baħar Eġew u Lecheo fuq il-Golf ta' Korintu u l-Baħar Joniku. Kienet saret proverbjali għal-lussu u l-korruzzjoni tagħha. Kienet ċentru tal-kult ta' Poseidon, u ta' Afrodite-Tyche, li kellha tempju li fih kienet issir prostituzzjoni sagra. Għalkemm Korintu sfat meqruda minn Lucio Mummio fis-sena 146 q.K., Ġulju Ċesare reġa' bniha bħala belt grandjuża bl-isem Colonia Laus Iulia Corinthiensis. Kellha permimetru ta' 15 km ta' ħitan u l-popolazzjoni kienet ta' 200 elf abitant liberi u 400 elf skjav. Belt kosmopolita, li fiha l-Lhud kienu kolonja numeruża u kellhom sinagoga.

Malli wasal Korintu, Pawlu sab għajnuna minn koppja Lhudija-Kristjana, Akwila, oriġinarju mill-Pontu, u martu Prixxilla, li kienu ġew minn Ruma wara li l-imperatur Klawdju kien keċċa l-Lhud minn hemm (c. 49 w.K.). Dawn offrewlu fejn joqgħod u x-xogħol biex jgħix, billi bħalu kienu jaħdmu t-tined. Kull Sibt kien imur magħhom fis-sinagoga jgħallem lil-Lhud (Atti 18,1-4).

"Meta Sila u Timotju waslu mill-Maċedonja, Pawlu ta ruħu kollu kemm hu għax-xandir tal-kelma, u kien jixhed lil-Lhud li Ġesù huwa l-Messija" (Atti 18,5). Sila u Timotju kienu ġabulu l-karità ta' l-insara tal-Maċedonja. Imma l-Lhud ma damux ma offrew reżistenza għall-messaġġ tiegħu, u Pawlu ma kellux għażla oħra ħlief jirrepeti dak li kien qal f'Antjokja tal-Pisidja: "Intom taħtu għat-telfien tagħkom, jien ma għandix ħtija! Minn issa 'l quddiem se ngħaddi għal għand il-pagani" (Atti 18,6). Imbagħad mar joqgħod fid-dar ta' wieħed jismu Titu Ġustu, maġenb is-sinagoga. Krispu, kap tas-sinagoga, emmen f'Ġesù u l-familja tiegħu. Mhux biss, imma wara viżjoni li fiha l-Mulej imlieh bil-kuraġġ, Pawlu baqa' Korintu "sena u sitt

xhur jgħallem il-kelma ta' Alla" (Atti 18,11). Kienet is-sena 51-52 w.K.

## Pawlu jikteb lit-Tessalonkin

Il-miġja ta' Sila u Timotju tat informazzjoni lil Pawlu dwar il-Knejjes tal-Maċedonja, l-aktar dik ta' Tessalonika. Għalkemm it-Tessalonkin kienu wrew ruħhom qawwija fil-persekuzzjoni (1Tess 1,6-10; 2,13-14), imma kien hemm problemi, l-aktar fil-każ ta' nsara li ntelqu għall-ħajja ta' għażż u stennija tat-tieni miġja imminenti tal-Mulej mingħajr l-ebda impenn ta' ħidma u użu tajjeb taż-żmien (1Tess 4,11-12; 5,14). Kien għalhekk li Pawlu ddeċieda li jikteb lill-insara ta' Tessalonika. Fil-fatt, kemm dam Korintu, Pawlu kiteb żewġ ittri lit-Tessalonkin. It-tieni ittra kitibha ftit xhur wara l-ewwel waħda.
It-tema ċentrali ta' l-ittri lit-Tessalonkin hi l-parousia, jew it-tieni miġja tal-Mulej. Fihom Pawlu jagħtina tagħlim importanti dwar l-eskatoloġija kristjana. "Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin biex ma ssewwdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama. Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù [...] Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen ta' l-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi



*San Pawl għand Ananija*

Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem. Dwar il-ħin u ż-żmien, ħuti, ma għandix bżonn niktbilkom. Intom tafu sewwa li jum il-Mulej jiġi għal għarrieda bħal ħalliel bil-lejl [...] Ħuti, intom m'intomx fid-dlam biex jum il-Mulej jeħodkom għal għarrieda bħal ħalliel. Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum; aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam. Għalhekk ma għandniex norqdu bħall-oħrajn, iżda nishru u ngħixu bil-qjies" (1Tess 4,13-5,11).

"Ħuti, fl-isem tal-Mulej Ġesù Kristu, nordnawlkom li żżommu ruħkom 'il bogħod mill-aħwa kollha li jgħixu fil-għażż u li m'humiex jimxu skont it-tradizzjoni li ħadtu mingħandna. Intom stess tafu kif jeħtieġ li timxu fuq l-eżempju tagħna. Aħna ma tgħażżinniex meta konna fostkom; il-ħobż li kilna, ħadd ma tahulna b'xejn; imma lejl u nhar ħdimna u tħabatna u batejna biex ma nkunu ta' piż għal ħadd minnkom [...] Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u għajxienhom jaqilgħuh" (2Tess 3,6-12).

## Il-ħidma apostolika ta' Pawlu f'Korintu

Minkejja li l-Atti ftit jitkellmu dwar il-ħidma ta' Pawlu f'Korintu, l-attività apostolika tiegħu kienet intensa. Miż-żewġ ittri li kiteb lill-Korintin, jirriżulta li l-Appostlu kien wettaq katekeżi twila fuq il-"kerygma" tal-fidi (1Kor 11,23-27; 15,1-8), u kellu jagħti direttivi ta' natura etika, billi l-ħajja tal-Korintin kienet libertina (1Kor 5-6). Kellu wkoll jiddedika ħin għall-formazzjoni tal-komunità Kristjana, biex jagħti organizzazzjoni għad-diversi kariżmi ta' l-Ispirtu u ma jħallix li l-interessi personali jfixklu l-għaqda tal-Knisja ta' Kristu (1Kor 12-14). L-Appostlu kellu mumenti ta' konsolazzjoni li fihom ra l-frott tal-ħidma tiegħu, imma jidher ukoll li għadda minn tbatija u delużjonijiet kbar minħabba l-vizzji li baqgħu iserrpu fil-komunità ta' l-insara ta' Korintu (1Kor 5,1-5; 6,9-11; 11,17-22; 14,23.26-33) u l-firdiet fi ħdan il-Knisja (1Kor 1,10-17). Kien għalhekk li hu kiteb diversi ittri lill-Korintin, li tnejn minnhom waslu għadna.

Mill-ġdid kienet l-għira tal-Lhud li qajmet persekuzzjoni kontra Pawlu f'Korintu. "Imma meta Galljon sar prokonslu ta' l-Akaja (Lucio Giunio Gallione kien iben l-oratur Anneo Seneca u ħu l-filosfu ruman Seneca, u kien prokonslu fl-Akaja fis-snin 51-52), il-Lhud qamu għalenija kontra Pawlu, tellgħuh quddiem il-qorti, u qalu: 'Dan il-bniedem qiegħed jipperswadi lin-nies biex iqimu 'l Alla kontra l-Liġi'. X'ħin Pawlu kien se jiftaħ fommu, Galljon qal lil-Lhud: 'Li kieku kien hemm xi ħtija jew delitt, kien ikun hemm raġuni li nismagħkom bis-sabar kollu lilkom il-Lhud; imma jekk din hi





*San Pawl*

kwestjoni dwar kliem u ismijiet l-Liġi tagħkom, arawha intom; jien ma rridx nagħmilha ta' mħallef fi ħwejjeġ bħal dawn'. U bagħathom 'il barra mill-qorti. Imbagħad qabdu f'Sòsteni, il-kap tas-sinagoga, u tawh xebgħa quddiem il-qorti. Imma Galljon ma ta ebda kas ta' dan" (Atti 18,12-17).

## Pawlu jtemm it-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu

Pawlu dam xi żmien aktar f'Korintu wara din il-ġrajja. Luqa jitkellem minn "ħafna ġranet" f'Atti 18,18. Ma nafux kemm kienu, imma x'aktarx ma kienx twil ħafna, għax Pawlu ntebaħ li l-Lhud kienu qed jiħraxu kontrih. Wara kollox kien ilu sena u nofs Korintu, u l-Appostlu mhux soltu li kien jieqaf daqshekk f'post wieħed. Għalhekk sellem lill-aħwa u telaq lejn is-Sirja bil-baħar mill-port ta' Kenkri, flimkien ma' Prixxilla u Akwila. Il-wegħda li jaqta' xagħru f'Kenkri (Atti 18,18) ma nafux eżattament x'kienet; forsi wegħda ta' nazîr, li kienet tobbligah ma jaqtax xagħru għal 30 jum. Hekk f'Kenkri temm il-wegħda li kien għamel qabel. Fatt simili narawh f'Atti 21,23-27, fejn Pawlu u xi rġiel oħrajn imorru t-tempju biex itemmu wegħda, fuq indikazzjonijiet ta' l-appostli f'Ġerusalemm.

Il-vjaġġ bil-ġifen wassal lil Pawlu biex jaqsam l-Eġew lejn il-kosta ta' l-Asja Minuri, fejn niżel fil-belt ta' Efesu u mar fis-sinagoga. Imma f'Efesu Pawlu ma kellux intenzjoni li jdum. Fil-fatt telaq malli seta' u kellu jirritorna f'din il-belt importanti fit-tielet vjaġġ missjunarju tiegħu. Hekk kompla triqtu bil-baħar direttament lejn Ċesarija Marittima fil-Palestina, fejn wasal fil-ħarifa tas-sena 52, sentejn wara li kien beda t-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu. Luqa jgħidilna li Pawlu tela' Ġerusalemm isellem lill-appostli u mbagħad erħielha lejn Antjokja tas-Sirja, minn fejn abitwalment kien jibda u jtemm il-vjaġġi tiegħu.



# IR-REWWIXTA KONTRA L-FRANĠISKANI F'ĠERUSALEM (1746)

*Noel Muscat OFM*

L-istorja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa kienet dejjem waħda ta' taqlib u kuntrarjetà. Il-perjodu qasir tal-ħakma tal-Kruċjati li kienu jsaltnu fuq ir-Renju Latin ta' Ġerusalemm mill-1099 sal-wasla ta' Salah-ed-Din, li keċċa lill-Kruċjati minn Ġerusalemm fl-1187, kompla saħħaħ il-mibegħda bejn il-punent Kristjan u l-orjent Musulman. Il-Kruċjati baqgħu jaħkmu xi bliet fortizzi fuq il-kosta tal-Palestina (Ġaffa, il-«Castrum Peregrinorum» [Atlit], Akri) u tal-Libanu (Tir, Sidon, Tripli) matul is-seklu 13, imma fit-18 ta' Mejju 1291 tkeċċew għal

kollox mill-Art Imqaddsa meta Akri waqgħet f'idejn is-sultan al-Ashraf. F'dan il-perjodu l-Franġiskani kienu preżenti f'dan ir-reġjun, li kien jissejjaħ il-provinċja tas-Sirja, jew «Oltremare». Fl-1217 fra Elia kien inħatar ministru provinċjal tas-Sirja. Fl-1229 il-Franġiskani kellhom kunvent ċkejken f'Ġerusalemm, u kienu wkoll preżenti f'ħafna mill-fortizzi Kruċjati fuq il-kosta. Mal-waqgħa tar-Renju Kruċjat il-Franġiskani inqatlu, u dawk li rnexxilhom isalvaw kellhom jaħarbu f'Ċipru. Sfortunatament il-Franġiskani kienu jiġu assoċjati mal-Kruċjati, għax huma kienu Latini, jiġifieri Kattoliċi, u l-Kruċjati kienu ġejjin minn pajjiżi Kattoliċi fl-Ewropa (Italja, Franza, Ġermanja, Spanja, Portugal, Ingilterra). Minkejja dan, il-Franġiskani rnexxielhom jerġgħu jidħlu fl-Art Imqaddsa fil-bidu tas-seklu 14. Huma bdew jamministraw fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu sa mill-1272, meta r-re Karlu d'Anjou ta' Sqallija għamel trattat ta' paċi mas-sultan Bibars. Fl-1335 ir-re ta' Napli Roberto d'Anjou u martu Sancia de Majorca xtraw iċ-Ċenaklu u tawh bħala proprjetà lill-Franġiskani. Fil-21 ta' Novembru 1342 il-Papa Klement VI, bil-Bulla «Gratias agimus», iddikjara lill-Franġiskani bħala Kustodji ta' l-Art Imqaddsa. Fl-1347 il-Franġiskani daħlu fil-pussess tal-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem. B'hekk, għalkemm il-Kruċjati kienu tilfu l-Art Imqaddsa minħabba l-vjolenza u l-korruzzjoni tagħhom, il-Franġiskani rnexxielhom jerġgħu jidħlu jgħixu fiha bil-messaġġ ta' paċi u rikonċiljazzjoni. Dan, iżda, ma fissirx li kien faċli għall-Franġiskani li jerġgħu jidħlu fl-Art Imqaddsa. Il-mibegħda lejn il-Kristjani min-naħa tal-Musulmani u tal-Lhud kellha l-għeruq tagħha fil-ġrajjiet imdemma ta' żmien il-Kruċjati. L-istess ġara, sfortunatament, fil-każ tal-Knejjes oħrajn orjentali preżenti fl-Art Imqaddsa, u partikolarment fil-każ tal-Knisja Griega Ortodossa, li kienet tqis lilha nnifisha bħala werrieta ta' l-imperu Biżantin, li mis-sena 313 (editt ta' Kostantinu) sas-sena 638 (meta wasal il-Kaliff Omar u daħlet ir-reliġjon Musulmana) kien jaħkem fl-Art Imqaddsa, li allura kienet kollha kemm hi Kristjana.



Frott ta' l-injoranza reliġjuża tagħhom, il-Kruċjati kienu wettqu massakri ta' Lhud u Musulmani meta daħlu trijonfalment f'Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099. Mhux biss, imma komplew il-ħruxija tagħhom ukoll fuq l-insara orjentali. Keċċew minn Ġerusalemm il-Patrijarka Grieg Ortodoss biex waqqfu l-Patrijarkat Latin. Matul ir-raba' Kruċjata, immexxija mid-Doge ta' Venezia Enrico Dandolo, fis-6 ta' April 1203, il-Kruċjati kienu attakkaw il-belt ta' Kostantinopli u ipprofanaw il-knisja famuża ta' Hagia Sophia, iċ-ċentru glorjuż tar-rit Biżantin u t-tieni sede apostolika ta' importanza wara Ruma. Dawn l-atti vjolenti wasslu biex il-mibegħda tal-Griegi Ortodossi lejn il-Kattoliċi Latini kibret. Dan ġara b'mod partikolari fl-Art Imqaddsa, fejn il-Franġiskani sabu li fis-santwarji ewlenin tal-Kalvarju, Qabar ta' Kristu, Qabar tal-Madonna, u Betleħem, kienu juffiċjaw ukoll il-Griegi Ortodossi, li ma kinux lesti li jħallu lill-Franġiskani jiddominaw bir-rit Latin kif kien ġara fi żmien il-Kruċjati. L-istorja tal-preżenza kristjana fis-santwarji ewlenin li semmejna hi waħda mimlija tensjoni, u xi mindaqqiet, imdemma, minħabba n-nuqqas ta' qbil bejn id-diversi Knejjes Insara li jamministraw l-istess santwarji. Għalkemm illum il-ġurnata aħna konxji ta' l-importanza tad-djalogu ekumeniku bejn il-Knejjes, u aħna l-Kattoliċi sirna ħafna sensibbli għal dan, mhux dejjem kien hekk fl-imgħoddi. L-istejjer li sejrin nirrakkontaw m'għandhomx l-iskop li jiskandalizzawna, daqskemm jgħallmuna kif nevitaw li ġrajjiet simili jseħħu mill-ġdid. Fl-istess ħin, iżda, nirrakkontawhom b'sens ta' ġustizzja lejn il-Franġiskani li sofrew inġustament biex jiddefendu l-preżenza Kattolika fis-Santwarji tal-Fidwa, u li kieku ma waqfux għall-oppożizzjoni ħarxa tal-Knejjes Orjentali, kieku llum il-Knisja Kattolika ma kien ikollha l-ebda rwol fl-Art Imqaddsa.

## Ir-rewwixta ta' Ġerusalemm fl-1746

Fl-1517 il-Palestina kienet ċediet għall-forzi ta' Suleiman il-Manjifiku u għaddiet f'idejn il-ħakma tat-Torok Ottomani. Għall-Art Imqaddsa bdew 4 sekli ta' miżerja kbira. It-Torok Ottomani kienu jaħkmu



*Il-Port ta' Akko*



*Qabar ta' Kristu*

minn Kostantinopli (Istanbul) fuq l-Asja Minuri (Turkija moderna) u l-lvant nofsani kollu. Huma kienu jimxu bi strateġija li biha kienu jisolħu liss-sudditi ta' l-imperu bl-aktar mod sfaċċat. Fil-każ ta' l-Art Imqaddsa t-Torok kienu jafu li l-Insara kienu mifrudin f'diversi Knejjes u riti. Għaldaqstant applikaw il-prinċipju ta' «divide et impera» (ifred u aħkem), prinċipju li sfortunatament baqa' komuni fil-politika ta' kull min iggverna fl-Art Imqaddsa sal-ġurnata tallum. It-Torok bdew iqisu lilhom infushom proprjetarji tas-Santwarji tal-Fidwa, hekk li kienu jbigħuhom bl-irkant għal min joffri l-akbar somom ta' flus. B'dan il-mod bdiet kompetizzjoni feroċi bejn il-Knejjes, u partikolarment bejn il-Griegi Ortodossi, il-Latini Kattoliċi (rappreżentati mill-Franġiskani), u l-Armeni Ortodossi. Il-Griegi Ortodossi kienu sudditi naturali ta' l-Imperu Ottoman, u l-Patrijarka ta' Kostantinopli kellu ħbiberiji mas-«Sublime Porta» jew familja imperjali Ottomana residenti f'dik il-belt. Għaldaqstant il-Griegi Ortodossi kienu bdew jiġu ppreferuti fl-offerti u r-rigali li kienu jagħtu lill-Imperatur biex hekk jaħkmu f'idejhom is-Santwarji tal-Fidwa.

Il-Franġiskani wkoll kellhom appoġġ qawwi mir-renji Kattoliċi fl-Ewropa, u partikolarment mill-Imperu Awstro-Ungariku, mir-renji ta' Spanja, Portugal, Franza, Napli u Sqallija, il-Gran Mastru tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta (li kienet fewdu tar-renju ta' Napli u Sqallija), u r-repubbliki ta' Genova u Venezia. Dawn il-qawwiet Kattoliċi, għalkemm kien hemm żmien li fih kienu għedewwa ta' l-Imperu Ottoman, li kien ħakem il-Balkani u wasal saħansitra fil-bibien ta' Vienna, matul is-seklu 18 kienu interessati li jżommu relazzjonijiet kummerċjali tajbin mat-Torok. B'hekk f'Kostantinopli kien hemm ukoll rappreżentanti diplomatiċi ta' diversi pajjiżi Ewropej, fosthom Franza, li kienet tippreżenta ruħha bħala qawwa protettriċi ta' l-interessi Kattoliċi fl-Art Imqaddsa quddiem is-«Sublime Porta».

Dan kollu kien jiggarantixxi li l-Franġiskani baqgħu jgawdu minn privileġġi fil-ħarsien tal-Qabar ta' Kristu, tal-Kalvarju, tal-Bażilika ta' Betleħem u tal-

Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat. Imma fit-tieni nofs tas-seklu 18, l-Ewropa bdiet għaddejja minn burraxka ta' anti-klerikaliżmu, l-aktar bil-movimenti filosofiċi tar-razzjonaliżmu u illuminiżmu, li wittew it-triq għar-Rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1789. Dan kollu beda jwassal biex il-qawwiet politiċi tradizzjonalment Kattoliċi ta' l-Ewropa bdew isiru dejjem aktar sekularizzati, u ma kienx jimpurtahom li jgħinu l-Art Imqaddsa billi jixtru minn bwiethom id-drittijiet tal-Latini biex juffiċjaw fis-Santwarji tal-Fidwa. B'hekk il-Franġiskani sabu ruħhom f'qagħda mwiegħra li fiha ma kellhomx mezzi biex iħarsu d-drittijiet tal-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa, għax bdew jitilfu l-appoġġ tar-renji Kattoliċi ta' l-Ewropa. Hu fuq dan l-isfond li rridu nifhmu x'ġara fit-tieni nofs tas-seklu 18, u partikolarment fl-1757, meta l-Franġiskani sfaw imkeċċija mill-pussess ta' diversi partijiet importanti fis-Santwarji tal-Fidwa f'Ġerusalemm u Betleħem.

Imma qabel ma naslu għal din id-data importanti, rridu nifhmu x'wassal biex saret din l-użurpazzjoni tad-drittijiet Latini fis-Santwarji tal-Fidwa. It-tensjoni bejn il-Knejjes insara kienet frott ta' indħil inġust min-naħa tat-Torok Ottomani, li wassal għal rewwixta kontra l-Franġiskani fl-1746.

L-informazzjoni storika li sejrin nagħtu fil-kumplament ta' l-artiklu tinsab fil-volum ta' GIROLAMO GOLUBOVICH OFM, *Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, Nuova Serie – Documenti, Tomo XIV, *Collectanea Terrae Sanctae,* opus posthumum R.P. Leonardi Lemmens ofm editum cura et studio P. Hieronymi Golubovich ofm, Collegio S. Bonaventura, Ad Claras Aquas, Quaracchi 1933, pp. 104-120.

Fl-1746 il-Franġiskani f'Ġerusalemm ħassew li l-piżijiet finanzjarji li t-Torok Ottomani kienu jitolbu permezz ta' taxxi fuq il-Kustodja Franġiskani kienu saru inġusti wisq. Għalhekk ippruvaw jikkonvinċu lill-Griegi u lill-Armeni Ortodossi biex imorru magħhom Kostantinopli u jipprotestaw quddiem is-«Sublime Porta». Intbagħtet delegazzjoni ta' Franġiskan, Patri Jean Pierre Refenville, monaku Grieg u ieħor Armen. Imma malli waslu Kostantinopli l-Patrijarka Grieg Ortodoss iddikjara li hu ma riedx ikollu x'jaqsam fil-kwestjoni u ma riedx joffendi lit-Torok Ottomani. B'hekk il-Grieg u l-Armen ħallew lill-Franġiskan waħdu, u dan mar ifittex l-għajnuna ta' l-ambaxxatur ta' Franza quddiem it-Torok Ottomani. L-ambaxxatur irnexxielu jakkwista mill-Imperatur «firman» jew dokument uffiċjali tas-«Sublime Porta» (msejjaħ ukoll «katscerif») li kien favorevoli għall-Franġiskani, u li fih l-Imperatur ikkmanda lill-Baxà Tork u l-gvernaturi tiegħu f'Ġerusalemm biex ma jtaqqlux lil-Latini b'taxxi ħorox aktar minn dawk li

*Kalvarju*



*Il-Bażilika ta' Betleħem*



ġustament dawn kienu diġà jħallsu. Imma billi l-«firman» ma kellux valur ta' liġi li torbot jekk ma kienx jiġi dikjarat liġi uffiċjalment mir-rappreżentanti ta' l-Imperatur f'Ġerusalemm, u billi l-ispiża biex dan iseħħ kienet ta' 15 elf «pjastri», il-Franġiskan ma kellux minn fejn iħallas, u l-ambaxxatur qallu biex jieħu l-«firman» miegħu Ġerusalemm u jistenna sakemm l-ambaxxatur jara kif jagħmel biex jikkonvinċi lill-gvernaturi dwar l-awtentiċità legali tiegħu. Sadanittant kienu waslu protesti oħrajn minn merkanti Franċiżi f'Damasku, dwar il-kilba għall-flus tat-Torok Ottomani li riedu jisolħu lill-Ewropej u lill-Franġiskani. Malli l-aħbar waslet Ġerusalemm li l-Franġiskani kienu akkwistaw «firman» biex ma jiġux imtaqqlin bit-taxxi, t-Torok heddew li jqumu kontra l-Kattoliċi. Il-Patri Kustodju kien jinsab Għajn Karem għall-festa tat-twelid ta' San Ġwann Battista fl-24 ta' Ġunju 1746. Wara li ċċelebra l-festa iddeċieda li jmur lura Ġerusalem fil-kunvent ta' San Salvatur. Hemmhekk skopra li l-inkwiet kienu qajmuh il- Griegi Ortodossi, li kkonvinċew lill-gvernaturi li l-Franġiskani kienu akkwistaw «firman» li bih kienu se kisbu privileġġ li ma jħallsux it-taxxi mitlubin. Fil-fatt il-Griegi ma ridux li l-Franġiskani jagħmlu restawri fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

Biex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, għax kien hemm xniegħa li t-Torok ta' Ġerusalemm riedu jagħmlu straġi mill-kunvent ta' San Salvatur, il-patri Prokuratur mar għand il-Griegi u l-Armeni biex jikkonvinċihom li l-«firman» ma kien fih l-ebda theddida kontra l-interessi tagħhom, anzi kien jitlob li t-taxxi jitnaqqsu għal kulħadd. Hu fakkarhom li huma stess kienu bagħtu l-monaċi tagħhom mar-rappreżentant Franġiskan f'Kostantinopli, u li jekk huma irtiraw dan ma jfissirx li l-Franġiskani kienu ħadmu għal rashom kontrihom. B'hekk irnexxielu jsikkithomhom xi ftit. Fl-1 ta' Lulju 1746 wasal ir-rappreżentant tas-«Sublime Porta» f'Ġerusalemm. Dan ġie milqugħ bl-unuri u bagħat għall-Prokuratur tal-Franġiskani, għax ried ikellmu. Hu qallu biex ma jinkwetax, għax l-ebda ħsara ma kienet se tiġi fuq il-Franġiskani. Imma l-viċi prokuratur kien jaf li t-theddid tal-kapijiet Torok ta' Ġerusalemm ma kienx se jintemm hekk ħesrem. Dawn kienu ddeċidew li ma jħallux lir-rappreżentant imperjali jaqra l-«firman» uffiċjalment, biex hekk dan jieħu forza ta' liġi; anzi kienu lesti, li malli jitlaq jerġgħu jibdew jużaw vjolenza fuq il-Franġiskani.

Il-Prokuratur, Patri Diego Rodriguez, avża b'dan lir-rappreżentant tas-«Sublime Porta», u dan laqqa' lill-kapijiet tal-belt fis-sala tal-ġustizzja, jiġifieri l-Gvernatur, il-Qadì, il-Mufti, il-kap militari, u l-Imam tal-moskej. Barra ngħabret folla kbira lesta biex tara kif kienet se tintemm il-biċċa. Sadanittant il-kapijiet ħalfu li jobdu l-«firman»,

imma b'makkakkerija kbira qalu lir-rappreżentant li, billi diġà kienu jafu x'fih il-«firman», ma kienx hemm għalfejn jaqrah pubblikament. Imma hu ma riedx, għax qal li l-ordni tas-«Sublime Porta» kienet li jinqara l-«firman» fil-pubbliku. Imma malli dan beda jinqara, dawk preżenti bdew jipprotestaw u jgħajtu kemm jifilħu, u jaħilfu kontra l-«Franki» (il-Franġiskani) u riedu joqtluhom talli kienu xlewhom quddiem is-Sultan li kienu qed jisolħuhom inġustament. Intant in-nies barra bdew jisimgħu l-agħjat, u fi ftit ħin il-belt kollha ta' Ġerusalemm qamet f'rewwixta kontra l-Franġiskani. Il-patrijiet għaldaqstant issakkru fil-kunvent ta' San Salvatur, filwaqt li l-Patri Kustodju laqqa' d-Diskretorju biex jaraw kif kienu se jieqfu għal dik it-theddida.

Huma ddeċidew li jagħmlu konċessjonijiet ta' xi għotjiet ta' rigali u flus li kienu talbu t-Torok, imma wkoll li jiktbulhom li ma kellhomx ikomplu jdejqu lill-Franġiskani billi jitolbu flus bħala self, meta qatt ma kienu jħallsuhom lura. Intalab li jmur id-«dragomanno» biex jieħu r-risposta lir-rappreżentant tas-Sultan, imma dan ma riedx, għax kien imwerwer li jekk joħroġ mill-kunvent il-folla tqattgħu bċejjeċ. Offra li jmur il-Gwardjan, imma fl-aħħar iddeċieda li joħroġ il-Prokuratur flimkien ma' patri Jean Pierre Refenville, li kien ġie mibgħut għand is-«Sublime Porta» bil-qadja, u li kien jitkellem bl-ilsien Tork. Imma d-«dragomanno» staħa u fl-aħħar mar hu, u ta l-ittra lir-rappreżentant. Meta l-kapijiet semgħu li l-Franġiskani kienu għamlulhom xi konċessjonijiet, ikkalmaw xi ftit u r-rewwixta battiet fit-toroq dojoq ta' Ġerusalemm.

L-għada l-Prokuratur u patri Jean Pierre Refenville issejħu quddiem ir-rappreżentant tas-Sultan. Dan qalilhom li kien se jkompli jiddefendihom kif jista' jekk iwegħduh li jħallsuh tlett elef «pjastri» tax-xogħol tiegħu! Imbagħad ħadhom għand il-Qadì, li qal lill-Franġiskani li kien lest li jwaqqaf ir-rewwixta, imma li riedu jħallsuh talli rreġistra l-«firman» bħala liġi. Hu talabhom 2500 «pjastri» għalih, 500 għall-uffiċjali tiegħu u 40 għall-iskrivan!



*Il-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat*



*Il-kunvent ta' San Salvatur minn ġewwa*

Hekk il-patrijiet irritornaw fil-kunvent ta' San Salvatur. Imma filwaqt li l-patrijiet kienu qegħdin jirringrazzjaw 'l Alla fil-knisja, mill-ġdid beda jinstema' l-agħjat ta' folla riesqa lejn il-kunvent. Id-«dragomanni» marru jiġru jagħmlu l-istaneg mal-bieb tal-kunvent. Li ġara kien li, meta l-Musulmani saru jafu bil-ftehim li kienu għamlu l-Franġiskani, ċertu Sajed Mahmed Fisfos, kap ta' moskea, beda jippriedka li l-«Franki» kienu qed jinsulentaw lil Muħammed u r-reliġjon Musulmana, u kienu jippretendu li jagħmlu minn Ġerusalemm belt Kristjana. Hekk qanqal lill-poplu biex iqum f'rewwixta mill-ġdid. Imma fil-ħin li kien jitmasħan jippriedka, waqa' ma' l-art b'attakk ta' qalb u ħaduh id-dar mejjet! Dan kien agħar għall-Franġiskani, għax il-Musulmani bdew jgħidu li kienu huma li qatluh bis-sħaħar tagħhom! U għalhekk mhux talli ma kkwetawx, imma talli r-rewwixta kompliet tiħrax. Il-folla marret għand il-Qadì biex titlob ġustizzja għall-mewt tax-«xiħ» tal-moskea, imma hu weġibhom li mhux il-«Franki» kienu qatluh imma Alla ippermetta li jmut talli mar kontra l-ordni tas-Sultan. Ir-rewwixta sadanittant ħraxet sal-punt li, wara l-ikel, il-folla kienet quddiem il-bieb tal-kunvent ta' San Salvatur, lesta bil-ġebel f'idejha u thedded li kienet se tfarrak il-kunvent. Il-Gwardjan irtira mal-patrijiet f'parti żgura tal-kunvent, filwaqt li l-Prokuratur irnexxielu jikkonvinċi lill-garżun tal-kunvent li jaqbeż mill-ħajt tal-ġnien u jmur jiġri javża lill-Gvernatur b'dak li kien qed jiġri. Il-Gvernatur malajr wasal personalment b'ċorma suldati, li rnexxielhom iferrxu l-folla rrabjata kontra l-patrijiet Franġiskani. Il-Gvernatur ta ordni li, jekk jinqabad min jipprova jdejjaq lill-Franġiskani u jfixkilhom mill-ħajja ordinarja tagħhom jew jinsultentahom, hu kien lest li jagħtih il-piena tal-mewt.

Hekk intemmet ir-rewwixta ta' l-1746. Wara li l-Franġiskani komplew ħallsu 10 elef «pjastri» oħrajn bejn rigali lill-kapijiet politiċi li ddefendewhom u ħlasijiet oħrajn talli ġie ippubblikat il-«firman», il-biċċa ntemmet fil-paċi. Almenu hekk kien jidher. Imma l-inkwiet il-kbir kien għadu ġej...



# IL-MISTERU TA’ KRISTU

*Marcello Ghirlando OFM*

## L-Innu Kristoloġiku ta’ Kolossin 1, 15-20

Hu x-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx,
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx,

Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.
Kollox bih u għalih kien maħluq,
hu li hu qabel kollox,
u kollox fih qiegħed iżomm.
Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja.
hu li hu l-bidu,
il-kbir li qam mill-imwiet,
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.
Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha;
Bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġab is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Meta nieħdu f'idejna din is-silta mal-ewwel nindunaw li għandna innu ieħor li jagħti qima lil Kristu b'diversi titli. Dan jidher ċar, fost affarijiet oħra, mir-ritmu, mill-użu tal-vokabularju partikolari u l-użu tal-paralleliżmu. L-innu huwa mlaqqam fil-kuntest ta' Kolossin 1, 9-23 u għalhekk nistgħu ngħidu li huwa jaqsam mill-karatteristika ta' tħeġġiġa li nsibu f'din is-silta partikolari. Hija silta li ssib it-tema tagħha fit-tħeġġiġa sħiħa li sservi bħala kwadru ta' l-innu Kristoloġiku. "Għalhekk aħna wkoll, mindu smajna bikom, ma hedejniex nitolbu għalikom, u nibqgħu nitolbu li tagħrfu sewwa r-rieda ta' Alla bl-għerf kollu u d-dehen spiritwali. Hekk tkunu tistgħu tgħixu sewwa kif jixraq lill-Mulej u togħġbuh f'kollox bil-frott ta' kull opra tajba, u tikbru fl-għarfien ta' Alla, titwettqu bil-qawwa kollha li tiġi mill-qawwa tal-glorja tiegħu, biex tkunu tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar. Ifirħu u roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet....(1, 9-14)....Intom ukoll kontu 'l bogħod minn Alla u għedewwa tiegħu minħabba l-ħażen ta' ħsibijietkom u għemilkom; imma issa sirtu ħbieb tiegħu permezz tal-mewt ta' Ibnu mogħti għall-mewt skont il-ġisem, biex dan iressaqkom quddiemu qaddisa, safja u bla għajb, kemm-il darba intom iżżommu sħaħ fil-fidi; sodi bla ma titħarrku mit-tama ta' l-Evanġelju li intom smajtu, u li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet , u li tiegħu jien, Pawlu, sirt ministru" (1, 21-23). F'dal-kuntest ta' tħeġġiġa, nistgħu ngħidu wkoll li l-innu huwa wkoll żvilupp Kristoloġiku ta' 1, 14: "li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet".



*... għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art*

Dan l-innu Kristoloġiku jista' jinqasam fi tliet partijiet prinċipali:

## A. Kristu, Xbieha ta' Alla u l-kbir fost il-ħlejjaq kollha

1. Vers 15: Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
2. Vers 16: għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.

## B. Il-primat ta' Kristu

1. Vers 17.a: Kollox bih u għalih kien maħluq.
2. Vers 17.b: Hu li hu qabel kollox u kollox Fih qiegħed iżomm.
3. Vers 18: Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja

## C. Kristu bidu u l-kbir li qam mill-imwiet

1. Vers 18b: Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.
2. Vers 19-20: Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha, Bih Alla għogbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġab is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Meta wieħed jipprova janalizza b'mod tematiku dan l-innu Kristoloġiku ikun interessanti li wieħed jiflih ftit l-isfond ġudajku-bibliku tiegħu biex jifhmu aħjar. U dan minħabba l-isfond ta' preparazzjoni li kellu Pawlu nnifsu

Fil-Bibbja, per eżempju, insibu dejjem ċara l-idea tar-relazzjoni bejn il-kosmos/id-dinja u l-istorja tas-salvazzjoni. Huwa Alla li fl-aħħar mill-aħħar joħloq id-dinja u joħloqha tajba u huwa Hu li bil-qawwa ta' mħabbtu li ssalva joħloq mill-ġdid is-smewwiet u l-art u jħabbibhom miegħu. Mela fil-Bibbja l-ħolqien huwa frott l-imħabba ta' Alla Ħallieq u Feddej; il-ħolqien jidħol fis-sinfonija li l-bnedmin jgħannu biex jagħtu glorja 'l Alla. U dan jista' iseħħ ukoll frott il-ħidma ta' Alla Feddej.

Hu għalhekk li t-titli li jingħataw lil Kristu jidħlu bis-sħiħ f'dan il-kuntest bibliku: huwa fil-fatt "il-kbir fost il-ħlejjaq kollha" (aspett kosmoloġiku) u wkoll "il-kbir fost il-mejtin" (aspett storiku-salvifiku). Huwa dak li jsir il-prinċipju personali li jgħaqqad li



joħloq u jżomm il-ħolqien, li jifdi u jħabbeb id-dinja miegħu u ma' Alla.
Interessanti ninnotaw ukoll ir-rabta li hemm bejn dan l-innu Kristoloġiku u diversi siltiet meħuda mil-letteratura ta' l-Għerf li nsibu fl-Antik Testment, fosthom Proverbji 8, 22-31, Bin Sirak 24, 3-12 u Ktieb ta' l-Għerf 7, 22-8,1.
Per eżempju, fil-Ktieb tal-Proverbji, l-awtur sagru jitkellem mill-Għerf li jiġi ppersonifikat, li huwa pre-eżistenti u li huwa l-bidu ta' l-opri ta' Alla u li jgħaqqad il-ħolqien. Dawn huma kollha karatteristiċi li jħejju lil min jemmen jifhem aħjar il-misteru ta' Kristu kif jiġi kantat fl-innu ta' l-Ittra lill-Kolossin.
Dan igħodd ukoll għal Ktieb ta' Bin Sirak fejn l-Għerf jiġi ppersonifikar, huwa l-Kelma li toħloq u li hija pre-eżistenti, Għerf li għandu s-setgħa fuq id-dinja u li jqiegħed it-tinda tiegħu fost il-bnedmin.
Fil-Ktieb ta' l-Għerf, l-awtur sagru iqiegħed fuq fomm Salamun it-tifħir ta' l-Għerf: Għerf li anke hawn huwa ppersonifikat, etern, prinċipju ta' Għaqda u b'setgħa fuq il-ħolqien. Kollha ideat li ċertament kienu fl-isfond tal-moħħ ta' Pawlu huwa u jikteb l-Innu Kristoloġiku li għandna quddiem għajnejna.

## Kristoloġija

Meta wieħed jifli dan l-innu jsib tliet kunċetti fondamentali li joħorġu għad-dawl il-Kristoloġija tiegħu. Dawn huma: it-titli li jiġu mogħtija lil Kristu, ir-rwol tiegħu fil-pjan kożmiku-salvifiku ta' Alla u l-primat assolut ta' Kristu fil-ħolqien u fl-istorja universali tal-bniedem. Meħudin flimkien dawn il-kunċetti jagħtuna viżjoni unitarja tal-misteru ta' Kristu: Hu jsir il-prinċipju personali fil-laqgħa bejn ir-realtà kożmika u r-realtà umana, il-prinċipju li jgħaqqad b'mod ħaj l-opra sħiħa ta' Alla, prinċipju ta' mħabba u ta'ħajja, ta' ħbiberija u fidwa. Hu għalhekk li l-innu jrid jinqara fl-isfond bibliku-sapjenzjali tiegħu. Miktub bl-istil tal-kitba sapjenzjali tal-Bibbja l-innu jsir kapulavur ta' għanja lil Kristu, għerf ta' Alla, medjatur universali ta' rikonċiljazzjoni, ras li fiha kollox u kulħadd isib l-eżistenza u l-ħajja vera.

## 1. It-titli ta' Kristu

Huma t-titli li f'dan l-innu jeżaltaw il-figura ta' Kristu f'kuntest ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla u lil Iben għall-imħabba. Huma titli li jeżaltaw ir-rwol kożmiku salvifiku ta' Kristu, huma tifħir lil dak li fih hemm il-milja tad-divinità, lil dak li huwa l-Feddej u li b'demmu jħabbeb il-bnedmin ma' Alla.
Kristu, xbieha ta' Alla li



*Kristu huwa il-Kbir fost il-ħlejjaq kollha:*
*fih il-ħolqien isib l-eżiżtenza tiegħu, il-konsistenza u l-armonija tiegħu*

ma jidhirx: Kristu huwa x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx. Huwa dak li jgħarrafna lil Alla li huwa l-ħallieq ta' l-univers. Igħarrafna lil Dak li għandu pjan ta' fidwa; jurina lil Alla li joħloq, li juri mħabbtu permezz tal-ħolqien u permezz tal-pjan tal-fidwa, jurina lil dak li huwa l-għajn tar-rikonċiljazzjoni, tal-maħfra tad-dnubiet u li daħħalna fis-saltna tad-dawl. Hu għalhekk ċar li dan it-titlu jrid jinftiehem fil-kuntest immedjat ta' l-innu kollu. Kristu, bħala xbieha ta' Alla li ma jidhirx, huwa dak li jirrivela l-imħabba tal-Missier. Huwa l-Iben il-għażiż li fih il-Missier isib l-għaxqa tiegħu. (Mk 1, 11; Mt 3, 17; Lq 3, 22).

Fl-isfond tal-letteratura ta' l-Għerf ta' l-Antik Testment, dan l-Iben għandu l-karattersitiċi kollha ta' l-għerf ħallieq: personifikazzjoni, pre-eżistenza, oriġini divina, dominju universali fuq kollox, prinċipju ta' għaqda u armonja tar-realtà maħluqa kollha, kemm dik materjali kif ukoll dik spiritwali. Imma mhux biss: l-Iben jassumi anke l-karatteristiċi proprji tal-ħidma salvifika ta' Alla l-Missier: hu r-ras tal-ġisem għax għandu l-primat fuq kollox, fih tgħammar il-milja tad-divinità, fih isseħħ ir-rikonċiljazzjoni u l-paċifikazzjoni universali bejn il-ħlejjaq u Alla, hu r-Ras tal-Knisja, il-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet. Mela Kristu, bħala xbieha ta' Alla li ma jidhirx, jieħu sehem fis-setgħa ta' Alla li joħloq u jsalva u, fl-istess ħin, jirrivelalna lil Missier. Fl-Iben aħna nagħarfu l-imħabba tal-Missier għalina u għall-ħolqien kollu. Hu x-xbieha ta' Alla kemm fil-ħolqien kif ukoll fil-fidwa. Hu x-xbieha ta' l-imħabba ta' Alla u bħala medjatur jirrivelahulna u jlaqqamna fiH.

## Il-Kbir fost il-ħlejjaq kollha

Kristu juri l-imħabba tal-Missier lejn il-ħolqien tant li "fiH kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat". Hu għalhekk li Kristu huwa il-Kbir fost il-ħlejjaq kollha: fih il-ħolqien isib l-eżistenza tiegħu, il-konsistenza u l-armonija tiegħu: "kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox u kollox fih qiegħed iżomm". Huwa l-Kbir fost il-ħlejjaq kollha għax mal-Missier huwa pre-eżistenti: kien mal-Missier sa minn dejjem; il-Missier ferra' mħabbtu fuq l-Iben u fih waqqaf l-istess pjan ta' mħabbtu. F'relazzjoni mal-bnedmin l-Iben huwa l-Kbir fost kulħadd: hu l-bidu tal-ħolqien, il-prinċipju ta' l-għaqda u l-armonija tiegħu, l-iskop aħħari tal-ħolqien li fih isib is-sliem u l-għaqda ma' Alla.

## Hu l-kbir li qam mill-imwiet

Il-medjazzjoni universali ta' Kristu tidher mhux biss fil-ħolqien imma anke fil-Knisja: "Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja". Kristu huwa l-kbir li qam mill-imwiet għaliex huwa hu l-bidu tal-ħajja ġdid li tingħata permezz tal-qawmien minn bejn l-imwiet, huwa l-espressjoni tal-ħniena ta' Alla li fl-Iben joffrielna il-ħelsien mill-ħakma tad-dlam u



jerġa' jħabbibna miegħu u jseħibna fil-wirt tal-qaddisin u fis-saltna tad-dawl. Huwa l-kbir għaliex huwa l-bidu ta' l-opra salvifika tal-Missier, għaliex huwa r-Ras tal-Knisja, il-poplu ta' dawk li fiH ħadu sehem fil-qawmien għall-ħajja għax irrikonċiljati u mqaddsin mill-imħabba tiegħU u tal-Missier.

## Ras ta' l-univers u tal-Knisja

l-Innu jsejjaħ lil Kristu Ras ta' l-univers u tal-Knisja: huwa ċar li l-prijorità ta' l-Iben mhijiex biss temporali f'relazzjoni mal-ħolqien u l-univers mifdi, imma hija fuq kollox prijorità' ta' eċċellenza u superjorità li tagħmel minnu l-għajn, il-pedament u r-Ras ta' dak kollu li huwa maħluq u mifdi. B'hekk hu jista' jseħibna fis-saltna tiegħu fejn ingawdu l-ħelsien mis-setgħa tad-dlamijiet, il-ġmiel tal-ħbiberija mal-Missier u l-maħfra tad-dnubiet, it-tisħib tagħna fil-wirt tal-qaddisin u fis-saltna tad-dawl u fis-sliem universali li fiha aħna lkoll aħwa u wlied tal-Missier.

## 2. Ir-rwol kożmiku-salvifiku ta' Kristu

Ir-rwol kożmiku-salvifiku ta' Kristu jidher l-ewwel fil-ħolqien: "fih kien maħluq kollox...kollox bih u għalih kien maħluq...kollox fih qiegħed iżomm". Mill-innu jidher ċar li kollox ġie maħluq fi Kristu Ġesù'.

*"Kollox bih u għalih kien maħluq"*



Mela f'dan l-att ta' mħabba tal-Missier li joħloq, il-ħolqien u l-ħlejjaq isibu l-għajn tagħhom fi Kristu. Alla joħloq f'għaqda intima ma' Kristu. Fi Kristu Alla juri r-rieda tiegħu li joħloq; fih Alla jagħti l-ħajja lill-ħolqien u permezz tiegħu iwettaq dan il-pjan ta' mħabba. Kollox fih, bih u għalih kien maħluq! Mela kollox fih qiegħed iżomm!

"Kollox bih u għalih kien maħluq": Huwa Alla li joħloq, imma dan jagħmlu permezz ta' l-Iben. Kristu għalhekk huwa l-medjatur fl-att tal-ħolqien imma anke medjatur għal dawk li jikkontemplaw il-ġmiel ta' Alla permezz tal-ħolqien. Kristu jwettaq il-pjan tal-Missier fil-ħolqien u jwassal dan il-ħolqien għall-milja tiegħu.

"Kollox bih u għalih kien maħluq": Għal Pawlu l-ħolqien kollu jsib l-iskop aħħari tiegħu fi Kristu Ġesu'. Kollox huwa orjentat lejn Kristu, kif fil-fatt Kristu huwa orjentat lejn il-Missier; kollox isib il-għaqda tiegħu fi Kristu u, permezz tiegħu, fil-Missier (ara: 1 Kor 15, 25-28).



Ir-rwol kożmiku-salvifiku jidher issa fid-don tal-ħbiberija ma' Alla. Fil-vers 19 Pawlu jikteb: "Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha". Kristu mela huwa dak li fih hemm il-manifestazzjoni tal-milja kollha ta' Alla, tad-divinità tiegħu (Kol 2, 9). Ir-riferiment hawnhekk huwa għall-inkarnazzjoni ta' l-Iben. L-Inkarnazzjoni hija fil-fatt manifestazzjoni konkreta tal-pjan ta' fidwa ta' Alla għad-dinja; dak Kristu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, bl-inkarnazzjoni tiegħu jagħti bidu issa wkoll għall-ħolqien ġdid, li fih insiru xbieha ta' l-Iben, ulied adottivi tal-Missier, sħab fil-wirt tal-qaddisin u fis-saltna tad-dawl. L-Inkarnazzjoni hija l-bidu tal-pjan ta' mħabba tal-Missier u Kristu hu l-bidu tal-ħajja ġdida tagħna bħala wlied magħquda mal-Missier. Dan jibda bl-Inkarnazzjoni imma jseħħ fl-opra tar-rikonċiljazzjoni, fl-opra tal-fidwa tal-Missier li sseħħ fi Kristu Ġesu'. Hija l-ħbiberija ma' Alla li mbagħad tagħtina d-dħul fis-saltna ta' l-Iben il-Maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet. Huwa permezz ta' Kristu li jseħħ dan, permezz tas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib: "bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

U Alla jħabbeb lill-bnedmin permezz ta' Krisu u għalih. Għax fil-kuntest kollu ta' l-innu Kristu huwa l-bidu u l-iskop li lejha hija orjentata l-opra kollha ta' Alla, kemm fil-ħolqien, kif ukoll fil-fidwa. Fih il-ħlejjaq kollha isibu s-sliem!

F'dan kollu jidher il-primat assolut, il-primat ta' eċċellenza u l-primat universali ta' Kristu f'din l-opra kompluta li hija l-espressjoni ta' l-imħabba eterna ta' Alla l-Missier lejn il-ħolqien u lejn il-bnedmin kollha.

## Teoloġija

L-Innu Kristoloġiku isib id-dimensjoni sħiħa tiegħu meta niftakru wkoll fl-aspetti teoloġiċi tiegħu. Huwa Alla nnifsu li joħloq (Kolossin 1, 16) fi Kristu kollox, dak kollu li hu fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx. Il-ħajja tiġi minn Alla l-Missier frott imħabbtu li tidher u sseħħ permezz ta' l-Iben. Il-Missier u l-Iben huma magħqudin intimament flimkien fl-opra kollha tal-ħolqien.

Fl-opra storika salvifika huwa l-Missier li jħabbeb id-dinja miegħu permezz ta' Kristu. Permezz tiegħu jeħlisna, jifdina, jaħfrilna dnubietna u jagħmel li nidħlu nieħdu sehem fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub.

# "JIEN LI JIEN"
## (Eżodu 3:14)

# IL-PRESENZA TA' ALLA FL-ANTIK TESTMENT



*Fr. Charles Buttigieg*

## Introduzzjoni

Alla ta' l-Antik Testment huwa differenti mill-allat tal-popli li kienu jdawru l-poplu magħżul, għaliex fejn dawn l-popli jippruvaw joħolqu u jiltaqgħu ma' l-allat tagħhom, fl-A.T. naraw lil Alla joħloq id-dinja u lill-bniedem u jkun huwa nnifsu li jiltaqa' mal-bniedem, permezz ta' rivelazzjonjiet u alleanzi, kif naraw fl-ewwel ħames kotba tal-Bibbja

(il-Pentatewku). Dawn narawh fil-pattijiet li jagħmel Alla ma' Noe`, ma' Abraham u b'mod partikolari ma' Mose`, fil-patt tas-Sinaj. Naraw lil Alla jkellem lill-profeti fil-kuntest tal-istorja tal-poplu Lhudi kif naraw fil-kotba Storiċi u dawk tal-Profeti. Fil-kotba tal-Għerf naraw l-Għerf innifsu bħala l-kelma u l-immaġni ta' Alla: "Hu raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħa tas-setgħa ħaddiema ta' Alla, u xbieha tat-tjieba tiegħu" (Għerf 7:26). Il-kitba apokalittika tikkoncentra mbagħad fuq r-rebħa ta' Alla fuq l-għedewwa u l-ġudizzju tiegħu (ara Dan 18:18-27). Dan kollu juri li Alla ta' Israel huwa Wieħed, Veru, Haj u Personali. Għalhekk mela l-istorja tal-Antik Testment hija fuq kollox l-istorja tal-poplu Lhudi li jagħmel kull sforz biex iwarrab l-idolu, l-alla falz, l-alla maħluq u jdur lejn dan Alla veru: "Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art." (Eż 20:3); "Nistmerru l-għoġol tiegħek, Samarija. Il-korla tiegħi xegħlet għalik. Kemm se jdumu ulied Israel, bla ħila li jissaffew?" (Hos 8:5).

## L-'Ismijiet' ta' Alla

Ir-Rivelazzjoni ta' Alla nnifsu lil Mose` hija l-mument ċentrali u mill-iktar importanti fl-istorja tas-salvazzjoni: "Mose` reġa' wieġeb: Ara, jiena mmur għand ulied Israel u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena xi ngħidilhom? Alla wieġbu: 'Jien li Jien." (Eż 3:13-14). Dan l-isem misterjuż: "Eħjeh-Jaħweh", "Jien li Jien", insibuh 6823 darba fl-A.T. L-ebda alla ta' xi poplu ieħor ma ssejjaħ qatt b' dan l-isem. Il-pronunċja ta' dan il-isem ta' Alla, jibqa' dejjem misterjuż għall-istudjużi u dan għaliex irridu niftakru dan l-isem ta' Alla qatt ma kien jiġi ppronunċjat mill-poplu, ħlief darba fis-sena f'Jum l-Espjazzjoni, fil-'Yom Kippur' mill-Qassis il-Kbir biss, meta liebes l-ilbiesi speċjali kien jidħol fil-post il-qaddis (fis-Sanctum Sanctorum, bil-lhudi: 'Qodesh Ha-Qodashim', il-post l-iktar sigriet fit-tempju) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla (il-magħqad jew is-siġġu tal-ħniena ta' Alla, bil-grieg: 'hilasterion'). Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunċja l-isem sagru ta' 'Jahweh'.
L-isem sagru kien jinkiteb biss bl-erba' konsonanti tiegħu mingħajr il-vokali, JHWH (tetragrammaton) u minflok l-isem 'Jahweh' kien jinqara bħala 'Adonaj' li jfisser 'Mulej', 'Sid' (bil-grieg: 'Kyrios' kif insibu fis-Settanta - LXX, it-tradizzjoni griega ta' l-A.T.). L-isem ta' Adonaj ġej minn Adon. Fis-sinagoga kienu jitolbu lil Adon 'olam, il-Mulej ta' l-Univers.
Uħud mill-ismijiet ta' Alla li niltaqgħu magħhom fl-A.T. huma: 'Yahweh Yireh', Alla li jipprovdi; 'Yahweh Shalom', Alla tas-Sliem; 'Yahweh Sabbaoth', Alla tal-Eżerċti; 'Yahweh Raah', Alla

*Mosè*





hu r-Ragħaj; 'Yahweh Tsidkenu', Alla l-ġustizzja tagħna; 'Yahweh Rapha', Alla li jfejjaq; 'El-Elohim', Is-Setgħani; 'El Elyon', Alla l-Għoli, isem antik ħafna ta' Alla; 'El Roi', Is-Setgħani li jara; El Shaddai: Alla Setgħani:, Alla li jista' kollox. Alla tal-Muntanja; 'El Olam', Alla ta' dejjem; 'El Elohe Israel', Alla ta' Israel; 'El Qadosh', Il-Qaddis ta' Israel. Bħalma qegħdin ninnotaw naraw hawnhekk żewġ tradizzjonijiet ta' ismijiet ta' Alla, waħda li tuża l-isem 'Yahweh' u l-oħra li tuża 'El'. Infatti t-tradizzjoni 'Jahwista' hija tas-sena 1000 q.K. u ġejja min-naħa t'isfel tal-Palestina, filwaqt li dik Eloista hija tat-8 seklu q.K. u hija min-naħa ta' Fuq. Dan l-isem 'El' kien it-terminu komuni għal alla għall-popli li kienu jgħixu 'l barra minn Israel. Fid-dinja semitika kemm ġewwa l-Feniċja u kemm f'Kanaan dan kien l-alla ta' l-allat.

## It-Twemmin f'Alla Wieħed

Ix-'Shema Israel', jiġifieri l-Kredu lhudi (reċitat darbtejn kuljum), jistqarr li Alla huwa Wieħed: "Isma', O Israel: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dt 6:4-5). Huwa l-eqdem stqarrija tal-fidi tal-Lhud. Ma' dan it-twemmin il-Lhud jemmnu li Alla huwa Veru: "Imma l-Mulej tassew hu Alla: Alla ħaj u sultan ta' dejjem. Għall-għadab tiegħu titriegħed l-art, u għall-qilla tiegħu l-ġnus ma jifilħux." (Ġer 10:10); huwa ukoll Traxxendenti: "Għax daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tagħkom" (Is 55:9). Alla huwa Immanenti: "u l-ispirtu tiegħi, jibqa' f'nofskom: la tibżgħux!" (Hag 2:5); huwa Infinit: "Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru bil-bosta, bla tarf il-kobor tiegħu" (Salm 145:3); huwa

Etern: "Qabel ma twieldu l-muntanji, qabel ma tnisslu l-art u d-dinja, minn dejjem ta' dejjem int, o Alla!" (Salm 90:2); Omnipreżenti: "Jista' bniedem jistaħba fil-moħbiet, u jien ma narahx? – Oraklu tal-Mulej – Ma nimliex jiena is-sema u l-art?..." (Ġer 23:24). Alla hu Għajjur: "La tmilx quddiemhom: La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' nisel lil dawk li jobogħduni; imma nagħder sa l-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi" (Eż 20:5-6). Dan ma jfissirx li Alla huwa għajjur f'sens negattiv, imma li huwa offiż bl-imġiba ħażina tal-poplu. Huwa Alla Ġust: "Il-liġi tal-Mulej perfetta, u tagħti l-ħajja; ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tgħallem lil min ma jafx. Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb; il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal il-għajnejn" (Salm 19:8-9). Fuq kollox Alla huwa Tajjeb: "Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kull ma għamel" (Salm 145:9), u Ħanin: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedelta`" (Eż 36:6). Alla hu ukoll Omnixxenti; Immutabbli; Liberu; Qaddis u Imħabba. Alla ta' l-Antik Testment huwa Missier (fl-A.T. bħala Missier jinsab 15-il darba): "Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu" (Salm 103:13) u ukoll huwa Omm: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt" (Is 49:15).
Il-Misteru ta' Alla Trinitarju jinsab ukoll fl-Antik Testment, anzi insibuh fl-ewwel vers tal-Bibbja: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla" (Ġen 1:1-2; ara ukoll Eż 31:3 u Is 11:2). Naraw f'din l-opra tal-ħolqien, it-Tliet Persuni f'Alla Wieħed, il-Missier li jaħlaq permezz tal-Kelma tiegħu (l-Iben), u l-Ispirtu s-Santu juri l-Holqien.

## L-Arka, it-Tinda u t-Tempju

L-arka kienet ix-xbieha tal-presenza t'Alla meta l-poplu kien qed jiġġerra fid-deżert. L-arka kienet kaxxa ta' l-injam tal-gażżi (injam tajjeb mil-Libanu li ma kienx imur bis-susa) u miksija bid-deheb. Kienet erba' piedi twila u żewġ piedi u nofs wiesgħa u fonda. F'nofsha kien hemm kaxxa tad-deheb (bil-lhudi: kapporeth), il-post tal-ħniena ta' Alla, li fiha kien hemm biċċiet tal-Liġi ta' Mose, il-bastun ta' Mose' u bieqja bil-manna. Għal dawn ir-raġunijiet l-arka saret tfisser għall-poplu Lhudi il-presenza t'Alla. Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, huwa kien ipoġġi din l-arka fit-tabernaklu li kienet it-tinda (bil-lhudi: ha-mishkan – shekhinah, bil-latin: tabernaculum). "Kull meta Mose` kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mose`" (Eż 33:9). Din it-tinda tal-laqgħa jew tal-patt kienet il-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu. San Ġwann l-evanġelista fil-bidu tal-vanġelu tiegħu jgħidilna li Ġesù ġie fid-dinja u għammar fostna: "U l-verb sar bniedem u għammar fostna..." (Ġw 1:14). Fl-oriġinal bil-grieg, litteralment naqraw li Ġesù 'qiegħed it-tinda tiegħu fostna' biex joqgħod magħna.
Is-Sultan David xtaq jibni t-tempju bħala d-dar stabbilita lil Alla, għaliex huwa kellu dar taċ-ċedru u l-Mulej kellu biss it-tinda. Iżda t-tempju kellu jinbena minn ibnu Salamnun wara s-sena 1000 Q.K., fejn it-tabernaklu ma baqax jeżisti għax l-arka ġiet imqegħda fit-tempju (bil-lhudi: ha-miqdash) u "il-glorja (bil-lhudi: kavod) tal-Mulej kienet mliet it-tempju." (1 Slat 8:11). It-tempju li ġie proprju mibni f'dak il-post ta' dik il-muntanja Morija fejn Abram kien ser joffri bħala sagrifiċċju lil Ibnu Isakk.

*"Mose` reġa' wieġeb: Ara, jiena mmur għand ulied Israel u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena xi ngħidilhom? Alla wieġbu: 'Jien li Jien."*

## Konklużżjoni

Rajna mela li fl-A.T., Alla jieħu l-inizjattiva biex jidħol fi djalogu ta' mħabba mal-bniedem, ma' poplu partikolari, il-poplu ta' Israel. Naraw lil Alla li jaħlaq u jmexxi, Alla li hu Wieħed u mhux ħafna allat u fuq kollox Alla Ħaj li jippremja t-tajbin u l-ħżiena jieħdu l-kastig. Min-naħa l-oħra l-poplu ħoloq ħwejjeġ li kienu jgħinuh biex jiftakar f'din il-preżenza ta' Alla. Hekk insibu 'it-tinda' li matul il-mixja fid-deżert kienet il-preżenza t'Alla fost il-poplu meħlus. Meta mbagħad il-poplu Lhudi daħal fl-Art Imwiegħda, il-preżenza t'Alla kienet marbuta mat-tempju. Ma' dan kollu t-tempju qatt ma kien l-unika espressjoni tal-preżenza divina għax fil-fatt meta t-tempju kien imġarraf u l-poplu meħud fl-eżilju ta' Babilonja (il-kriżi tal-eżilju), il-poplu beda jagħraf li Alla mhux marbut ma' xi post partikolari. Imbagħad fil-milja taż-żmenijiet 'il-Verb sar bniedem' u l-preżenza divina ħadet sura viżibbli ta' bniedem, li hu xhieha ta' Alla. Għall-kuntrarju tat-tempju Lhudi li ġġarraf tlitt darbiet, dan it-tempju l-ġdid ta' Kristu ma jiġġarraf qatt.



## Biblijografija


Biesner, E.C., God in Three Persons, Wheaton 1984.

Calduch-Benages, N., "God Creator of All (Sir 43:27-33)", in R. Egger-Wenzel (ed.), Ben Sira's God. Proceedings of the International Ben Sira Conference, Durham - Ushaw College 2002, BZAW 321, Berlin - New York 2002, 79-117.

Egger-Wenzel, R., "'Faith in God' Rather than 'Fear of God' in Ben Sira and Job: A Necessary Adjustment in Terminology and Understanding", in J. Corley – V.T.M. Skemp (eds.), Intertextual Studies in Ben Sira and Tobit: Essays in Honor of Alexander A. Di Lella, CBQMS 38, Washington D.C. 2005, 211-226.

Jukes, A., The Names of God in Holy Scripture, Grand Rapids (MI), 1986.

Nash, R.H., The Concept of God, Grand Rapids (MI) 1983.

Shorter, A., Revelation and its Interpretation, London 1983.



# IL-QAWMIEN TA' ĠESU FIT-TAGĦLIM SAN PAWL

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dwar il-Liturġija kif ukoll f'dik dommatika dwar il-Knisja jgħallem li l-ġrajja divina tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt hija fost l-ogħla u l-awqa ġrajjiet ta' ħajjet Kristu. Din timmarka ċ-ċentru tal-festi Kristoloġiċi l-oħra kollha li jduru madwarha u jinbnew fuqha. Għalhekk in-nisrani tassew kull nhar ta' Ħadd l-ewwel jum tal-ġimgħa għandu jħossu obbligat li jgħix din il-ġrajja tas-sema."F'dan il-jum l-insara għandhom jinġabru flimkien biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jissieħbu fl-Ewkaristija, huma

u jagħmlu t-tifkira tal-Passjoni u tal-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej Ġesù". Anke l-appostlu San Pawl jinsisti tant u jgħallem ċar dwar is-siwi ta' din il-ġrajja. F'dan l-artiklu se naraw kemm din tal-qawmien ta' Ġesu għall-appostlu tal-Ġnus hija tassew iċ-ċentru ta' dawk kollu li nemmnu.

## Il-pedament ta' kollox

Kemm matul it-tagħlim tiegħu kif ukoll fl-ittri tiegħu San Pawl tkellem bosta drabi dwar il-qawmien ta' Kristu. Imma t-test fundamentali dwar dan kollu qiegħed fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin kapitlu 15 versi 1-11. Hawn Pawlu jurina l-metodu tiegħu tax-xandir tiegħu jiġifieri l-verità storika ta' qawmien tal-Mulej Ġesù u l-valur salvifiku tagħhom it-tnejn. L-okkażjoni ta' din is-silta kienet il-fatt li f'Korintu kien hemm uħud li kienu qed jiċħdu l-qawmien tal-ġisem – korporali - tal-mejtin. Għal dawk iż-żminijiet dan it-tagħlim jidher li kien wieħed aċċettat ħafna. Pawlu biex jikkumbatti din l-ereżija bbaża r-risposta soda tiegħu fuq il-prinċipju ġenerali li "Jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom" (1 Kor 15,14). Din il-ħaġa mbagħad iġġorr magħha effetti teoloġiċi gravi: "U jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi dnubietkom" (1Kor 15,14). Imma Pawlu lill-Korintin ried jisgurahom li dak kollu li għallimhom u issa qed jiktbilhom dwaru, jiġifieri dwar il-qawmien huwa tassew verità mela għandhom jemmnuh. Għaliex Pawlu issa wara li ltaqà ma' Kristu rxuxtat hemm fit-triq ta' Damasku issa qed jagħti "xhieda tal-Evanġelju tal-grazzja ta' Alla" (Atti 20,24).

## Dak li tgħallem Pawlu

Is-suġġett dwar il-qawmien ta' Kristu xejn ma kien wieħed ħafif, aktar u aktar għal dawk iż-żminijiet. Issa Pawlu ried akkost ta' kollox jipperswadi lill-Korintin dwar l-importanza ta' dan kollu billi huwa jgħarrafhom minn fejn ġab dan it-tagħlim kollu. Fl-ittra li kiteb lill-Galatin Pawlu kellu jissielet bis-sħiħ biex lil dawn in-nies jipperswadihom li t-tagħlim li għallimhom huwa wieħed li rċevih



direttament minn Ġesu Kristu stess. "L-Evanġelju li ħabbartilkom jien m'huwiex Evanġelju tal-bnedmin. Għaliex jiena mhux minn għand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu. (Gal 1,11-12).
Dan il-kliem isaħħaħ kemm il-pożizzjoni ta' Pawlu bħala appostlu kif ukoll li t-tagħlim tiegħu huwa wieħed ġenwin tassew. Irċieva it-tagħlim direttament minn għnd Kristu.
Issa din l-istess verità Pawlu jiktibha wkoll lill-Korintin rigward it-tagħlim dwar il-qawmien. "Qabel xejn, jien għallimtkom DAK LI TGĦALLIMT JIEN, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura" (1 Kor 15,3). Nistaqsu. Min kien dak li rrivela daqstant tagħlim għoli speċjalment dwar il-qawmien ta' Kristu lil San Pawl? U fejn saret din ir-rivelazzjoni dwar dan it-tagħlim? Fl-ittra lill-Galatin l-istess Pawlu jikxef xi ftit dwar dan kollu: "Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-Ġnus" (Gal 1,15-16).
Imma t-tokk ta' din ir-rivelazzjoni saret f'żewġ mumenti differenti minn xulxin, mumenti li biddlu għal kollox ħajjet Pawlu. L-ewwel fit-triq ta' Damasku, propju f'dik li aħna nsejħulha l-konversjoni ta' Pawlu. It-tieni matul dawk it-tlitt snin li wara l-konversjoni Pawlu mar għaddihom kważi kollha waħdu fid-deżert ta' l-Għarabja. (Gal 1,17). Hemm dejjem issa skont san Ġwann Kriżostmu, Pawlu kellu bosta u bosta rivelazzjonijiet minn Kristu stess. Issa kemm mill-Atti kif ukoll mill-Ittri nafu sew x'kienet għal Pawlu dik il-bidla: L-ewwel kien persekutur qalil u aħrax ta' Kristu, u wara appostlu b'sejħa speċjali imposta fuqu.
Lill-isqof Timotju Pawlu jurih kemm kien aħrax mar-reliġjon. "Lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żebligħ tiegħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf" (1 Tim 1,13).
Fl-ittra tiegħu lill-Filippin Pawlu jagħmel riferenza għal mod kif saret il-konversjoni tiegħu: "Ġesu Kristu ħataf lili" (3,12). Il-verb grieg huwa katalemphte, ġejt maħtuf.



*Pierre Etienne Monnot, S. Pawl, 1708-18, Basilica ta' San Ġwann fil- Laterano, Ruma*

Forsi b'mod aktar ċar ifisser maqbud jew miġbud minn taħt għal fuq, daqs li kieku Kristu stess qabdu u ħarġu mis-saltna tad-dlam għas-saltna tad-dawl. Mela b'dan il-mod ta' kif saret il-konversjoni Pawlu ma seta' qatt ineħħiha minn moħħu u minn qalbu. Difatti f'żewġ okkażjonijiet oħra u quddiem bosta nies uħud minnhom anke ta' pożizzjoni għolja u responsabbli, bħal ma kienu s-sultan Agrippa u martu Berniċi, Pawlu reġa' rrakkonta din il-konversjoni tiegħu. (Atti 22,9-16; 26, 12-18).



Pawlu fit-tagħlim dwar il-qawmien ta' Ġesù iqaddeż l-Iskrittura. Żgur li din ir-riferenza qiegħda għat-Testment il-Qadim għaliex it-Testment il-Ġdid kien għadu bil- kemm kemm qiegħed jissawwar. Mela għal-liema riferenzi ta' l-Iskrittura Pawlu qiegħed jirreferi? Dawn huma: (a) Il-mewt u l-glorifikazzjoni fl-Għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej" ta' Isaija speċjalment kapitlu 53,8. "Bħal ħaruf meħud għall-qatla u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha ma fetaħx fommu". (b) Is-salm 22 "Alla tiegħi, Alla tiegħu għaliex tlaqtni". (c) U b'mod xi ftit imċajpar f'Is 54,7; u f'Ġona kapitli 1-2.

## Id-diversi xhieda

Fost id-diversi xhieda li raw lil Kristu mqajjem mill-mewt, Pawlu jsemmi lil Kefa, mela lil Pietru. Fil-kelma Kefa, Pawlu jrid jagħmel allużjoni għall-pożizzjoni ewlenija ta' mexxej u leader li kellu Pietru. (Ara Lq 22,31) waqt l-aħħar ikla. Wara Pawlu jkompli jsemmi lill-Ħdax l-oħra, b'riferenza għall-appostli. Imma donnu Pawlu ma kienx kuntent għaliex ikompli iżid "deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa flimkien, ħafna minnhom għadhom ħajjin sa llum" (v6). Pawlu mbagħad f'ton ta' umiltà kbira fuqu jkompli: "fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd, qisni twelidt mormi qabel il-waqt" (l Kor 15,8). Quddiem din ix-xhieda kollha ma jifdal mela ebda dubju dwar il-qawmien ta' Ġesù. Hekk allura bdiet it-tradizzjoni appostolika dwar dan il-fatt divin tal-qawmien. Issa dan il-qawmien ta' Ġesu jitlob

minn nisrani biex l-imġiba tiegħu tkun taqbel għaż-żmien il-ġdid tal-istorja li fih daħlu bil-ġrajja tal-fidwa. Hemm l-applikazzjoni tal-kerigma, jiġifieri tat-tagħlim ta' l-appostli. Dan it-tagħlim li ħafna minnu huwa ġdid, iħeġġeġ għall-prattika tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba. "Jekk intom irxoxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq l-lemin ta' Alla". (Kol 3,1). Il-qawmien ta' Kristu ta timbru u marka ġdida fuq il-ħajja ta' kull nisrani.

## Perikli u rimedji

San Pawl wara bosta esperjenzi fil-komunitajiet li huwa waqqaf kien jaf biċ-ċert li għad iqumu bosta profeti foloz u għomja u li dawn jippruvaw iħassru kull forma ta' tagħlim ġenwin li huwa stess b'tant diffikultajiet u tbatija xandar. Famuża fosthom hija l-ġrajja tal-Galatin. Ta' min ifakkar ukoll fid-diskors lill-presbiteri ta' Efesu meta Pawlu kien wasal biex iħallihom u issa żgur li mhux se jarahom, aktar huwa jgħidilhom: "Jien naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom lpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhilhiex" (Atti 20,29). Fil-waqt li lil isqof Timotju Pawlu jgħidlu: "Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skont ma jixtiequ, u jwarrbu widjenhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef" (2 Tim 4,3-4).
Quddiem dan id-dawl aħmar mimli periklu għall-komunitajiet li waqqaf Pawlu joffri wkoll ir-rimedji, hekk wieħed ikun jista' jikkonserva t-tagħlim dwar il-qawmien.
L-ewwel fost dawn ir-rimedji hemm l-fedeltà għat-tradizzjonijiet kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm. Dawn huma wirt l-appostli, mela ta' min jorbot fuqhom: "Mela ħuti, żommu ruħkom wieqfa u sħaħ fit-tradizzjonijiet li intom tgħallimtu sew bil-kelma sew bl-ittra tagħna" (2 Tes 2,15).
It-tieni rimedju: Tħeġġiġ u prattika fil-ħajja liturġika, speċjalment fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika. Din iċ-ċelebrazzjoni għandha funzjoni anamnetiku jiġifieri niftakru fil-mumenti ċentrali kbar ta' ħajjet Kristu, passjoi mewt u qawmien (1 Kor 11,23-26). F'dan it-test hemm it-twaqqif ta' l-Ewkaristija mqaddsa.
It-tielet rimedju: Fl-istudju san ta' l-Iskrittura Mqaddsa mela fuq kollox ta l-interpretazzjoni tagħha. Lill-isqof Timotu Pawlu jiktiblu: "Imma int ibqa' miexi f'dak li tgħallimt u emmint bis-sħiħ, għax taf mingħand min tgħallimtu, għax sa minn żgħoritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa; li jistgħu jagħtuk l-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesu" (2 Tim 3,15-16).
Ir-raba' rimedju: Għażla ta' ministri mħarrġin sew fit-tagħlim u d-depożitu tal-Knisja. Hekk wieħed ikun fi żgur li qed jieħu tagħlim san u ġenwin u fl-istess ħin ikun magħqud mal-mexxejja tal-Knisja. "Timotju, ħares sewwa dak li kien fdat f'idejk. Aħrab il-kliem profan u fieragħ u l-kontradizzjonijiet ta' l-għerf falz, li xi wħud ħaddnuh u tbiegħdu mill-fidi" (1Tim 6,20-21).
Mela ċ-ċentru u l-qofol tat-tagħlim ta' Pawlu jdur kollu u jinbena fuq il-ġrajja glorjuża tal-qawmien ta' Kristu l-pesa jew il-mogħdija mill-mewt għall-ħajja. Dan il-fatt storiku ġie rrivelat lil Pawlu diversi drabi matul ħajtu u Pawlu b'rieda soda għaddih lilna.

## Kotba sussidju


Buscemi Alfio M, San Paolo vita opera messaggio. Gerusalemme 1996

Rigaux B., Dio l'a risuscitato, Roma,1973

Rossano P., Lettere ai Corinzi (=Nuovissima Versione della Bibbia 39), Roma 1972

Schlier H., Lettera ai Galati, Brescia,1965.

# IL-KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

## KNISJA KATRIDRALI - MDINA



*Dun Pawl Sciberras*

### Introduzzjoni

Fl-erba' ħarġiet ta' din is-sena, Dun Pawl Sciberras se jippreżenta l-kwadri titular tal-Katidral tal-Imdina, tal-Knisja Parrokkjali tar-Rabat f'Malta, tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Safi mil-lat artistiku, Bibliku u kateketiku. Huma l-erba' kwadri b'San Pawl bħala l-protagonist tagħhom fil-konverzjoni u n-nawfraġju tiegħu

f'Malta. L-arti tista' tgħinna nirriflettu fuq l-istorja tas-salvazzjoni flimkien mal-Bibbja u l-katekezi.

## Il-qawwa tiegħi tidher fid-dgħjufija

Il-kwadru titulari stil Barokk tal-Knisja Katidrali, il-Knisja-Omm tagħna, ġie kkummissjunat għall-Katidral il-qadim, li ġġarraf bit-terremot il-kbir, sena wara li tpitter minn Mattia Preti fl-1692, meta l-artist kellu 69 sena: bniedem matur umanament u artistikament.
Huwa kwadru drammatiku fix-xena tal-konverżjoni ta' l-Appostlu Pawlu li jiffossilizza, meħuda mill-Atti ta' l-Appostli. Il-pittura ġġib l-isem ta' It-Triq ta' Damasku: hemm fuq dik it-triq, Kristu Ġesù wera lilu nnifsu lil Pawlu. Imma dik l-istess triq kien hemm oħrajn mexjin fiha, li kienu qegħdin jimxu wara Kristu Ġesù, it-Triq tad-dixxipli nsara. Bħal kull triq, la għandha bidu u lanqas tmiem: għax il-bidu jagħmlu min jibda jimxiha u jtemmha meta u fejn irid hu.

## Iż-żewġ xeni tal-Kwadru

Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni: il-parti ta' fuq - ix-xena fuq is-sħab tas-sema u l-parti ta' isfel - x-xena tal-waqgħa ta' Pawlu.

## Ix-xena fis-Sema

Ix-xena ċelesti (ix-xena ta' fuq (1)) hija xena ferm iktar sempliċi minn dik fuq l-art; ferm iktar trankwilla, u toħloq kuntrast kbir ma' dak li qiegħed jiġri taħtha. Għandha protagonist tagħha lil Kristu mqajjem mill-mewt, (il-figura ta' Kristu) f'qagħda wieqfa, qagħda ta' rebbieħ, fuq il-mewt u fuq l-Appostlu li qiegħed jippersegwitah. Il-figuri ta' Kristu wieqaf rebbieħ u t-telqa ta' Pawlu (il-figura ta' Pawlu (2)) iwassluna għal dak li Pawlu tant jisħaq fuqu fil-konflitti li sikwit kien ikollu fil-missjoni tiegħu. Dawk li ħaduha kontrih kienu jsejsu l-awtorità tagħhom fuq dak li kellhom biex jiftaħru bih.



1.

*Il-kwadru jinqasam f'żewġ xeni:*

*il-parti ta' fuq (1) - ix-xena fuq is-sħab tas-sema u*

*l-parti ta' isfel (2) - x-xena tal-waqgħa ta' Pawlu.*

2.





3.



4.

5



Pawlu kien jaf li hu għandu ħaġa waħda biss biex jiftaħar: id-dgħjufijiet tiegħu. "Jekk ħafna jiftaħru ta' bnedmin, ħa niftaħar jien" (2Kor 11,18) imma mbagħad "Jekk għandi niftaħar, niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija (2Kor 11,30; 12,5). Meta mbagħad wera fejn tassew qiegħda s-saħħa u l-qawwa tiegħu, Alla nnifsu wieġbu: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef." "Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbolizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija (2Kor 12,9).

Il-kwadru huwa mqiegħed fil-Knisja Katidrali, fil-post fejn tinġema' l-assemblea liturġika. Hekk jiddeskrivih lil Ġesù rebbieħ fuq il-mewt il-Ktieb tal-Ġemgħa Liturġika ta' l-Apokalissi: "Bejn it-tron u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin u f'nofs ix-Xjuħ rajt li kien hemm Ħaruf, wieqaf, bħal maqtul." Il-mewt għall-fidwa tal-bnedmin tal-Ħaruf ta' Alla, kif jurih Ġwanni l-Battista, ma kellhiex l-aħħar kelma fuq dak li hu wkoll l-Iben ta' Alla (Ġw 1,29.36). Issa, tgħidilna l-Liturġija, "bis-sinjali tal-passjoni jsaltan ħaj u rebbieħ għal dejjem." (il-figura ta' Kristu (3))

Il-qagħda wieqfa ta' Kristu Rxoxt toħloq kuntrast qawwi mat-telqa fl-art ta' Pawlu, li sa ftit ħin qabel kien għadu "bil-qawwa kollha jhedded bil-mewt lid-dixxipli tal-Mulej" u, "b'setgħa assoluta mingħand il-qassis il-kbir b'ittri għas-sinagogi ta' Damasku, biex ikun jista' jaqbad l-irġiel u n-nisa kollha li jsib miexja fit-Triq tal-Mulej u jeħodhom marbuta Ġerusalemm" (Atti 9,1-2).

Il-Kristofanija fit-Triq ta' Damasku wriet lil Pawlu li dak li l-ktieb tad-Dewteronomju kien jurih bħala misħut minn Alla għax imdendel ma' l-għuda (21,22-23), kien fil-fatt dak li hu magħżul minn Alla biex mis-saħta tal-mewt tiegħu toħroġ il-ħajja tal-bnedmin kollha. Kien dak li għax obda sal-mewt lill-Missier, anzi obda sal-mewt u mewt tas-salib, ġie mogħti minn Alla isem fuq kull isem ieħor. Quddiemu kull irkoppa tiltewa, u kull ilsien jistqarr li "Kristu Ġesù hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier" (Fil 2,11).

Id-dehra ta' l-Irxoxt fit-Triq ta' Damasku wriet lil Pawlu li l-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma għal Ġesù ta' Nazaret. Għax ġie mqajjem mill-mewt, fih jinġabru l-profeziji kollha u jikkonfermawh bħala Kristu l-Messija mwiegħed. Minn dak il-ħin 'il quddiem, Pawlu ra ħajtu b'mod li jekk "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla", li "ħabbni u ta lilu nnifsu għalija", (Gal 2,20). "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus" ma kellux ħlief ixandru lil kulħadd bħala s-Sid tal-ħolqien kollu (Gal 1,15-16).

Għalhekk seta' minn hemm 'il quddiem jiftaħar li "Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa

fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u 'l dan imsallab" (1Kor 2,2). Mit-telqa tad-dgħjufija, toħroġ il-qawwa ta' min hu magħżul ikun xandâr tal-Mulej!
Magħqad għal riġlejn Kristu rebbieħ huwa s-sħab (is-sħab taħt riġlejn Ġesù (4)) għax Danjel kien ħabbar li ra wieħed, qisu iben ta' Bniedem ġej mis-sħab tas-sema (7,13). Dak li jagħmel is-sħab mirkeb tiegħu, u fuq ġwienaħ ir-riħ jiġġerra huwa Alla, skont Salm 104,3. L-iben ta' Bniedem ġej fuq is-sħab huwa l-Iben ta' Alla rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub, li jsaltan fil-qlub tal-bnedmin u jiġbed għal warajh il-ġnus kollha. Lejh iressaq ukoll lil dak li kellu jkun l-Appostlu tal-ġnus, Pawlu minn Tarsu.
Preti ma jħalliniex ninsew din ir-rebħa kontinwa ta' Kristu Ġesù: f'idu x-xellugija (ix-xettru fl-id il-leminija ta' Ġesù (5)) jqegħdlu x-xettru ta' Kristu Sultan.
Idawruh għandu l-anġli (l-anġli mal-panniġġ u s-sħab (6,7)) jrieġu l-mantar imtajjar u s-sħab: elementi pittoriċi biex juru l-qawwa assoluta ta' Kristu Rxoxt fuq il-ħolqien kollu.

## Ix-xena fl-art

Ix-xena fuq l-art hija xena drammatika, vjolenti, aġitata għall-aħħar (mix-xena fl-art (2)).
Dawk ta' ma' l-appostlu Pawlu imbellhin, jittantaw jifhmu x'inhu jiġri.
Għalkemm jidher straxxnat ma' l-art, imwaqqa' minn fuq iż-żiemel li fuqu kien sejjer fit-Triq, b'qilla liema bħala, bis-setgħa kollha mogħtija lilu mill-Qassis il-Kbir mitfugħa ħdejh, (il-kitba tas-setgħa (8)), Pawlu jidher f'estasi, fi trance, għajnejh magħluqa (wiċċ San Pawl) … donnu bniedem li, għalkemm f'nofs il-konfużjoni li biha mdawwar, jaf sewwa x'ġara, jaf tajjeb min deherlu, jaf b'saħħa x'kienet tfisser dik id-dehra.
Iż-żewġ xeni m'humiex maqtugħin minn xulxin: is-sema jmiss l-art. Kristu rebbieħ, kif tgħid il-Liturġija, tela' fis-sema mhux biex jinfired minn magħna. Il-lanza tas-suldat fuq ix-xellug tal-kwadru titlaq minn ħdejn ras Pawlu (lanza ħdejn ras Pawlu (8)), u hi miżmuma mis-suldat, qaddej ta' Pawlu, kemm kemm ma tmissx il-pala ta' riġel l-anġlu n-naħa ta' l-irkoppa l-leminija ta' Kristu. Id-dehra fit-Triq ta' Damasku tinteressa ħafna d-dinja tal-bnedmin, tal-pagani anzi! Pawlu jiġi magħżul minn Kristu rebbieħ, biex il-Knisja, f'Ananija, tkun tista' taħtru appostlu tal-Ġnus.
Mad-dehra tar-Rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub leħħ id-dawl tat-tama u tal-fidi fuq il-Ġnus: l-imrieżaq tad-dawl, ġejjin minn fuq, jolqtu x-xena ta' isfel (fejn jolqot id-dawl, l-aktar fuq il-figuri jżommu ż-żiemel u taħt is-sħaba), biex ir-Rebbieħ idawwal bil-qawmien tiegħu id-dinja li għaliha Pawlu nħatar appostlu ta' l-Evanġelju.



6.



7.

8.





# IL-MISTERJU TAT-TRINITA' QADDISA (2)

*P. Gwido Schembri ofm*

## It-Testment il-Qadim u t-tliet Persuni f'Alla.

It-Testment il-Qadim ma jitkellimx b'mod dirett dwar Alla fi tliet persuni; l-ewwelnett għax kienet tkun ħaġa perikoluża li jagħmel hekk minħabba li l-popli ta' dak iż-żmien kienu mxaqilbin li jaduraw diversi allat . It-tieni, għax it-Testment il-Qadim kien preparazzjoni għall-Ġdid. Imma t-TQ jalludi għall-pluralità ta' persuni f'Alla wieħed. Fit-TQ insibu passi

li jitkellmu fuq "l-anġlu ta' Jahweh" li jidher bħal Alla stess u bħala mibgħut tiegħu fir-relazzjoni tiegħu mal-bniedem. Jitkellem ukoll fuq "il-Kelma tal-Mulej", fuq "l-Ispirtu tal-Mulej" u fuq-"Għerf" ta' Alla li darbtejn jidher bħala persuna (Prov. 1,20; 8,9).
Dawn it-tlieta, Kelma-Spirtu-Għerf, jissemmew b'relazzjoni għall-ħidma ta' Alla fis-salvazzjoni tal-bniedem, sewwa sew kif Alla l-Missier ħadem fil-Patt il-Ġdid għas-salvazzjoni tagħna wara l-inkarnazzjoni ta' Ibnu Ġesù permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-Profeti l-Kelma tal-Mulej hija dejjem ir-rivelazzjoni ta' Alla ; din il-Kelma tlibbset bil-ġisem tagħna biex tagħtina l-ħajja, iddawwalna u ssalvana (ara l-ewwel vrus ta' l-evanġelju ta' Ġwanni).
Fil-kotba tal-Għerf l-Għerf ta' Alla kien jaħdem ma' Alla, ara S. 104,24; S.136, 5 (fit-testGħebrajk); Prov 3,19; u skont San Pawl "l-Għerf ta' Alla hu Kristu (1 Kor 1,24) li fih, bih u għalih sar kollox. U l-Ispirtu ta' Alla, li fil-Ġenesi ttajjar fuq il-kaos tal-bidu tal-ħolqien u tah ordni u ħajja u dawwal il-profeti, hu l-Ispirtu s-Santu mwiegħed minn Kristu li ħadem fil-bidu tal-Knisja u għadu jaħdem kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli.

## It-Trinità fit-Testment il-Ġdid

It-Testment il-Ġdid idawwal dak li hemm mistur u mdallam fil-Qadim b'mod l-iktar ċar. Mela għaliex hawn diversi setet (setet mhux fis-sens ta' disprezz imma ta' frieghi ħerġin mir-reliġjon nisranija) li ma jemmnux fit-Trinità? Ir-raġuni hi n-nuqqas ta' tagħlim serju u ta' umiltà li tmexxi lill-bniedem biex jirbaħ id-dubji li jistgħu jinbtu dwar misterju hekk kbir. Hu veru li meta wieħed jaqra u jirrifletti dak li hemm fit-Testment il-Ġdid jista' jitħawwad. Imma min jitħawwad hu fl-obbligu jiċċara d-dalma ta' moħħu permezz ta' tagħlim serju. Fuq xi dubji li jistgħu jinbtu dwar dan is-suġġett nitkellmu iktar 'il quddiem.
It-tagħlim dwar it-Trinità fit-Testment il-Ġdid insibuh l-iktar fi tliet stadji, stadju iktar ċar mill-ieħor: fis-Sinottiċi (Mattew, Mark u Luqa), fil-kitba ta' San Pawl u f'San Ġwann.

### A. It-tliet Persuni tat-Trinità msemmijin flimkien

a) f'Mattew, f'Mark u f'Luqa
It-tliet Persuni jissemmew flimkien fid-dehra ta' wara l-magħmudija ta' Ġesù, meta "tela' mill-ilma, ra s-sema miftuħ u l-Ispirtu nieżel fuqu bħal ħamiema. U ġie leħen mis-sema jgħid: Int Ibni l-għażiż, bik nitgħaxxaq) (Mk 1,10s.; Mt 3,13-17; Lq 3,21s.).
Imma t-test ewlieni dwar it-tliet Persuni flimkien insibuha f'Mattew 28, 19s. li jitkellem dwar meta Kristu Rxoxt bagħat lill-appostli u qalilhom :"Morru mela u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu. U għallmuhom josservaw dak kollu li ordnajtilkom. Jien magħkom għal dejjem, sa l-aħħar tad-dinja" (Mt 28, 19s. u paral.). Hawn it-tliet Persuna huma marbutin ma' xulxin u distinti minn xulxin b'mod l-iktar ċar kif kienu jemmnu l-Insara tal-bidu u daħħlu fil-liturġija batteżimali. Din ix-xhieda "salvifika", jiġifieri kif Alla ġie rrivelat lilna, tirrifletti u hija fiha nfisha x-xhieda ontoloġika, jiġifieri kif in-natura ta' Alla hi fi tliet Persuni.



# ON THE WAY TO DAMASCUS

## THE BEGINNING OF A NEW LIFE



Wirja ta' 46 pannel fuq il-ħajja ta' S. Pawl, mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa, fl-okkazzjoni tas-sena Pawlina, fil-Kunventi Franġiskani.
Għal aktar informazzjoni ċempel 21242254

1571-1610), *Conversion of St. Paul*, Rome, Church of Santa Maria del Popolo © 1990 Photo Scala, Firenze/Fondo Edifici di Culto - Ministero dell'Interno

Commissariat of the Holy Land in Malta

Exhibition promoted by

Progetto Culturale promosso dalla Chiesa Italiana

Itaca

Concept and editorial coordination
Eugenio Dal Pane

Editor of section I
Giorgio M. Vigna, OFM
in collaboration with Franciscan Biblical School, Jerusalem

Editors of section II
Gianluca Attanasio, FSCB
Jonah Lynch, FSCB
in collaboration with Priestly Fraternity of the Missionaries of St. Charles Borromeo

Research and iconographic comment
Sandro Chierici, Ultreya

Organizational collaboration
Giuseppe Caffulli, Holy Land

Organization and communication
Gaia Aulino, Cristina Zoli
Itaca Eventi

Graphic project
Andrea Cimatti

English translation
Fr. Noel Muscat, OFM

Patronage

Custody of the Holy Land

Papal Basilica St Paul Outside-the-Walls
*Pauline Year*

Italian edition catalogue

Libreria Editrice Vaticana

Itaca

Bookshop

itacalibri.it
libreria on line di cultura cattolica

Official website of the exhibition

itacaeventi.it/sanpaolo